

# IL-BINI TAL-EWROPA –

## STORJA, MEMORJA U L-MIT TAL-EWROPEINITÀ MIFRUXA FUQ AKTAR MINN 1000 SENA



# L-Ewropa: Unità u Diversità

Skopri t-Teżori Diġitali

digital Treasures

# Werrej

**Daħla** 6

# 01

## L-Ispirtu Ewropew

Daħla 9

Frammenti ta’ Għanjiet ta’ Mħabba mill-Medjuevu 11

L-Influwenza ta’ Seneca fil-Medjuevu 13

Siltiet mill-Ideat Umanistiċi ta’ Erażmu, minn Brandano Caxaro 15

L-Istemma li tikkonferma n-Nobbiltà ta’ Miklós Oláh 17

Provvista tal-Ingredjenti għal-Laboratorju Alkemiku ta’ Rudolfu II 19

Framment minn Manwal ta’ Alkemista 21

Applikazzjoni biex ikun Stampat id-*Don Quixote* ta’ Miguel de Cervantes 23

Id-Digriet tat-Twaqqif tal-Università ta’ Nagyszombat 25

Il-Pjan tat-Teatru Manoel fil-Belt Valletta 27

Fridtjof Nansen: Pijunier Polari 29

Il-Bidu tal-Meteoroloġija Moderna 31

It-Testment ta’ Edvard Munch 33

Album tar-ritratti dwar Zoltán Kodály 35

Iż-Żarmar tal-Guernica fil-Mużew tal-Arti Moderna 37

# 02

## Id-diversità tal-Ewropa

Daħla ..... 39

Minjaturi Medjevali tal-Manuskritt *Beatus ta' Tábara* ..... 41

Runi ta' elf sena: Busni! ..... 43

Ittra Rjali dwar il-Ħelsien ta' Priġunieri Musulmani ..... 45

Skroll tal-Ktieb ta' Ester ..... 47

*Liber Bullarum* tal-Ordni tal-Kavallieri Ospitaljeri ..... 49

Iċ-Ċensiment tal-1771 tas-Sudditi Ottomani fl-Ungerija ..... 51

Mappa Manuskritta ta' Charlotenburg (Saroltavár) ġewwa Banat ..... 53

Ktieb Manuskritt tal-Alfabet Sloven-Ungeriż ..... 55

Il-Petizzjoni *Pro Finlandia* ..... 57

Kampjun tal-Alfabet Malti maħruġ mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ..... 59

It-Tagħlim bl-Ilsien Sami ..... 61

Għażla mill-Ġabra ta' Ritratti mill-Ġabra dwar ir-Roma ta' Péter Szuhay ..... 63

# 03

## L-Uċuħ Diversi tal-Kristjaneżmu

Daħla ..... 65

It-Twaqqif tal-Isptar ta' San Ġwann ..... 67

Kodiċi dwar il-Pellegrinaġġ għal Santiago de Compostela ..... 69

Kummentarju Medjevali fuq il-Ktieb tal-Apokalissi ..... 71

Digriet ta’ Privileġġ tal-Monasteru ta’ Břevnov ........ 73
Il-Kalċi Mqaddes ........ 75
Il-Bibbja ta’ San Ġlormu: *Il-Vulgata* ........ 77
Il-Quddiesa ta’ San Olav ........ 79
Ittri Privati dwar id-Diet ta’ Augsburg ........ 81
Mappa Kronoloġika tal-Vjaġġi ta’ San Pawl ........ 83
Offerta ta’ Spjunaġġ fuq l-Imperu Tork u dak Persjan ........ 85
Digriet Irjali dwar il-Kaċċa għas-Sħaħar ........ 87
It-Teżi fuq il-Ħarir ta’ Antal Pál Draskovich ........ 89
Id-Driegħ tal-Lemin Imqaddes ........ 91
Pjanta ta’ Kappella Qabar f’Malta ........ 93

# 04

## Il-Wirt tal-Illuminiżmu

Daħla ........ 95
Ittra minn István Webőczi fuq il-Ġustizzja Ugwali ........ 97
Dokument Legali dwar l-Ilsiera Afrikani ........ 99
Ċertifikat Massoniku tal-Kavallier de Lincel ........ 101
Il-Projbizzjoni tat-Tortura Promulgata mir-Reġina Maria Tereża ........ 103
Id-Digriet ta’ Tolleranza tal-Imperatur Ġużeppi II ........ 105
Ittra ta’ Monsinjur Gallarati Scotti lill-Kardinal De Zeleda ........ 107
Il-Kostituzzjoni Norveġiża tal-1814 ........ 109
It-Tneħħija tal-Piena tal-Mewt fil-Portugall ........ 111
Id-Dritti tal-Vot lin-Nisa Norveġiżi ........ 113
Il-Moviment Pan-Ewropew ........ 115

# Daħla

## L-Ewropa: Unità u Diversità

Din il-wirja turi l-istorja ta' kif issawar il-kunċett tal-Ewropa. Dan il-kunċett żviluppa matul il-medda taż-żmien. Imsawwar u ffurmat minn nies li għexu f'din il-parti tad-dinja, dan jagħti identità lil min jgħix hawn. Mingħajr Ewropa ma hawnx Ewropej.

Ta' spiss, l-Ewropa kienet tagħti stampa ta' għaqda, kultant anke fid-diversità; ħafna drabi, din l-għaqda u d-diversità kienu marbuta flimkien. Kemm-il darba, l-Ewropa kienet meqjusa bħala ċ-ċentru tad-dinja, għall-inqas kif wieħed kien jara dak kollu li qed jiġri mill-Ewropa. Imma mhux dejjem hekk kien. Għalkemm il-fruntieri ġeografiċi kienu jew għadhom hemm, l-Ewropa m'għandhiex fruntieri fis-sens intelletwali. Kull attentat biex tinħoloq fruntiera kien iserraħ fuq il-qawwa u l-politika taż-żmien; kien hemm dawk li firdu l-Ewropa tal-Lvant u tal-Punent, tan-Nofsinhar u tat-Tramuntana minn xulxin u minn oħrajn, u saħansitra kien hemm dawk li firdu l-Ewropa drastikament mill-bqija tad-dinja.

L-Ewropa u dak kollu Ewropew huma ħolqien komuni, ġewwa u barra l-Ewropa, ħolqien li għadu qed jissawwar, anke fiż-żmien ta' llum. L-istorja tal-Ewropa hija waħda dinamika, tiżviluppa kontinwament maż-żmien.

Din il-wirja tistħarreġ jekk hux possibbli li tinħoloq perspettiva komuni li biha l-istorja Ewropea tista' tinftiehem bħala storja waħda, mifruxa fost l-abitanti kollha tagħha.

Matul is-snin il-kunċett tal-għaqda Ewropea kien muri f'modi differenti. Meta ma kienx hawn stati sħaħ, l-irħula u l-ibliet, l-istati ż-żgħar u l-imperi sawru l-għaqda fuq livell lokali bid-diversità mifruxa fuq livell Ewropew. Bil-ħolqien tal-istati Ewropej – bħala eżempju wieħed jista' jieħu il-Gwerra tat-Tletin Sena – id-diżgwid bejn l-istati u l-istati nazzjonali kien riżolt fuq livell Ewropew. Dan il-kunċett falla fis-Seklu Għoxrin, mimli bi gwerer u ġenoċidji. Wara t-Tieni Gwerra Dinija qamet forza ġdida għall-integrazzjoni Ewropea, ħaġa li ma nkisbitx bil-vjolenza tas-snin ta' qabel.

Illum, id-dehra tal-Ewropa bħala waħda sħiħa u magħquda twassalna biex nikkonfrontaw l-istorja tal-kolonjaliżmu, dittatorjat, esklużjoni u ġenoċidji. Għandna nagħrfu l-vuċijiet u l-ħsibijiet ta' dawk li huma f'minorità fl-Ewropa stess, flimkien mal-kontribut ta' dawk kollha li ma humiex Ewropej. B'dan il-mod din id-diversità tista' tkun miftiehma bħala s-sisien tal-għaqda Ewropea.

Din il-wirja, magħmula minn dokumenti maqsuma f'erba' taqsimiet, tixtarr l-istorja komuni tal-Ewropa taħt dawn it-titli:

**1. L-ispirtu Ewropew.** L-Ewropa hija benniena ta' wirt intellettwali: kitbiet, impenn xjentifiku, fl-edukazzjoni u l-arti, u l-impatt intellettwali li jmur 'il hinn mill-era storika.

**2. Id-diversità tal-Ewropa.** L-Ewropa minn dejjem kienet karatterizzata minn diversità kulturali, reliġjon, etnika

u nazzjonali. Il-falliment li dan ikun rikonoxxut kien il-kawża ta' diversi traġedji, atti kriminali mill-Ewropej kontra l-Ewropej stess.

**3. Id-diversi wċuh tal-Kristjaneżmu.** L-istorja tal-Kristjanità fl-Ewropa, il-laqgħa mal-Iżlam u r-reliġjon Lhudija fost oħrajn, jixhdu d-differenzi fit-twemmin li għen biex jifforma il-ħsieb Ewropew. Din l-istorja fiha nnifisha tissimbolizza id-diversità tal-istorja Ewropea ukoll; intolleranza u tolleranza, poter u ċaħda tal-poter.

**4. Il-wirt tal-Illuminiżmu.** Il-wirt intellettwali tal-Illuminiżmu juri Ewropa miftuħa u demokratika fejn id-diversità titpoġġa fil-qalba Ewropea.

L-Ewropa hija storja, tradizzjoni, memorja kollettiva. Mhix indifferenti għal kif wieħed jiftakar l-attivitajiet storiċi, billi tippreżenta wkoll il-mumenti traġiċi. Din il-wirja trid turi l-bini tal-Ewropa llum fejn il-bniedem – twieled fejn twieled (anke jekk imwieled barra l-Ewropa) u tkun xi tkun l-oriġini, in-nazzjonalità, ir-reliġjon tiegħu – jista' jqis lilu nnifsu bħala parti minnha u jikkonsidra l-identità tiegħu bħala parti mill-Ewropa.

Id-dokumenti f'din il-wirja kienu miġbura u rranġati minn diversi impjegati ta' arkivji fl-Ewropa, skont it-tema. Waqt li kull għażla hija suġġettiva, dan ix-xogħol kollettiv jagħti stampa ċara ta' kif l-Ewropej, f'dan il-każ arkivisti u storiċi, jaraw lilhom infushom u lill-poplu Ewropew, flimkien meta l-istorja Ewropea hija s-suġġett ta' dibattitu kollettiv (anke r-riċerka u r-rappreżentanza huma dibattibbli).

Dan huwa li rridu nuru mill-istorja tal-Ewropa u dan hu li nqisu li huwa importanti li wieħed jibqa' jiftakar.

Imma d-dokumenti magħżula mhux biss juru dan u l-istorja tal-Ewropa.  Nittamaw li wkoll jagħtu l-opportunità lil min iżur din il-wirja u lil dak li jkun qed jaqra l-katalogu biex jifforma l-fehma u l-istampa tiegħu fuq l-Ewropa u l-istorja tagħha …

# 01

# L-Ispirtu Ewropew

L-egħjjun ta' din it-taqsima juru, fost affarijiet oħra, l-influenza tal-klassiċi fuq ix-xjenza u l-edukazzjoni fil-Medju Evu. Barra minn hekk, il-preżenza ta' ċerti dokumenti jisħqu fuq is-sehem importanti li l-arti għandha fil-mod kif wiehed jifhem l-umanità u l-espressjoni tal-emozjonijiet tagħha.

Jingħad li l-iSkolastiċiżmu tas-Seklu Tnax ġab miegħu t-tiġdid tax-xjenza, l-għerf u l-edukazzjoni fl-Ewropa. L-istudju tal-awturi klassiċi tal-qedem reġa' ta ħajja lix-xjenza tal-bidu, u wera biċ-ċar ir-rabta bejn il-kulturi antiki u l-Ewropa fi żmien il-Medju Evu.

Skont l-analiżi li saret (eż. fil-ktieb ta' Thomas Kuhm *The Structure of Scientific Revolutions*), ċertu perjodi fl-istorja tat-tiġdid xjentifiku jiskattaw bis-saħħa ta' tibdil rivoluzzjonarju. Tradizzjonalment, it-twelid tax-xjenza moderna fl-Ewropa imur lura għas-sena 1543, meta l-anatomista Andreas Vesalius ippubblika l-ktieb *De humani corporis fabrica* (Kif jaħdem il-Ġisem tal-Bniedem), u meta l-astronomu Nicolaus Copernicus ippubblika *De Revolutionibus Orbium Coelestium* (Iċ-Ċaqlieq fl-Isferi tas-Sema). Dawn ix-xogħolijiet wittew it-triq għal era ta' għerf xjentifiku u investigazzjonijiet ġodda li laħqu l-milja tagħhom bil-pubblikazzjoni tal-ktieb ta' Isaac Newton *Philosophiæ Naturalis Principia Mathematica*, fl-1687.

L-invenzjoni tal-istampar tal-kotba f'nofs is-Seklu Ħmistax ħaffef it-tixrid ta' dan it-tagħlim. Il-kotba li kienu stampati fil-bidu huma evidenza tal-fenomenu mlaqqam "ir-rivoluzzjoni xjentifika" li kienet ukoll mimlija attivitajiet storiċi, bħas-sejbiet ġeografiċi mill-aħħar ta' dak is-seklu, ir-Riforma Protestanta u l-Kontro-Riforma Kattolika tas-Seklu Sittax. Is-sors ta' din il-wirja juri wkoll l-irwol tax-xjenzi naturali fl-istudju tal-għerf xjentifiku modern u kif ix-xjenza moderna bdiet tinħema bejn is-sittax u t-tmintax-il seklu.

Dan l-għerf kien istitutjonalizzat fis-soċjetà Ewropea f'ħafna modi fis-sekli dsatax u għoxrin, li flimkien mal-edukazzjoni, sar fundamentali fil-ħidma tal-istati nazzjonali moderni.

Id-dokumenti li jinsabu hawn juru wkoll l-impatt li d-dinja 'l hinn mill-Ewropa kellha fuq l-istorja tat-tagħlim u l-iżvilupp xjentifiku. Uħud minnhom juru wkoll l-proċess tal-mod kif wieħed jifhem l-arti fiż-żmien modern, minn imitazzjoni tad-dinja ta' madwarna għal rikreazzjoni konxja ta' dik id-dinja. Dokumenti bħat-testment ta' Munch jew l-istorja ta' *Guernica* ta' Picasso juru kif l-artisti moderni għarfu l-irwol u r-responsabilitajiet morali tagħhom f'dan il-qasam.



# Frammenti ta' Għanjiet ta' Mħabba mill-Medjuevu

Il-Parċmina Sharrer (*Pergaminho Sharrer*) tagħti ħjiel kif in-nies tal-Medju Evu kienu jesperjenzaw u jesprimu u l-emozjonijiet tagħhom.

Dan il-framment ta' parċmina akbar b'seba' għanjiet ta' mħabba mill-bidu tas-Sekli Tlettax u Erbatax. L-awtur, ir-Re Dinis I tal-Portugall – li ħakem bejn l-1279 u l-1325 – huwa magħruf ukoll bħala poeta li ta kontribut siewi ħafna għall-iżvilupp tal-ilsien letterarju Portugiż. Dawn is-seba' għanjiet tiegħu inkitbu bl-ilsien Gallikan-Portugiż bl-użu ta' ittri Gotiċi; magħhom tpoġġew ukoll noti mużikali.

Oriġinarjament din il-parċmina kienet tagħmel parti minn ktieb tal-għana; id-dokument, it-test u l-mużika inkitbu fi tliet kolonni, li kienet xi ħaġa rari għal dak iż-żmien. L-għanjiet tal-imħabba jibdew b'dawn is-sentenzi: "Għaliex, Alla, ħabib tiegħi, trid tagħmel"; "Ħudni f'dak l-istat, sinjur"; "Dak li qatt ma ħsibt biex ngħidlek"; "Kemm jien ferħan, sinjur"; "Mulej, ma nistax nistma"; "Ma nafx kif l-imgħallem tiegħi isalvani"; "Ħbieb, jiena ridt, u irrid u hekk nagħmel".

Għalkemm, sfortunatament it-test u l-annotazjoni mużikali huma ppreservati fi frammenti, dan xorta waħda jibqa' dokument ta' ħtieġa minħabba li huwa d-dokument waħdiedi medjevali li fih melodiji profani bil-Portugiż. L-eżempji ekklesjastiċi minn dak iż-żmien huma neqsin mill-anotazzjoni mużikali, ħlief għal Cantigas *de Santa Maria*.

Dan il-framment ingħata l-isem tal-għaref Amerikan Harvey L. Sharrer li sabu fl-1990 waqt li kien qed jinvestiga xi sorsi fit-Torre do Tombo Archive f'Liżbona. Dan id-dokument storiku serva bħala qoxra għal ktieb fl-Uffiċċju Notarili f'Liżbona. Kien għalhekk li dan id-dokument kien ippreservat fl-arkivju.

Notamenti Mużikali minn D. Dinis: Frammenti ta' Għanjiet ta' Mħabba, 1280 / 1320

2 folio fuq fammenti ta' parċmina; 51 x 30 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall - Torre do Tombo

Referenza: PT/TT/FRA/20.01/02



# L-influwenza ta' Seneca fil-Medjuevu

Dan il-manuskritt huwa marbut max-xogħol ta' Seneca.

Huwa sinifikanti għaliex Seneca iż-Żgħir (ca. 4QK – 65AD) huwa meqjus figura ewlenija fl-istorja tal-ħsieb ġewwa l-Ewropa. Lucius Annaeus Seneca kien esponent ewlieni tal-iStoiċiżmu Ruman, skola ta' ħsieb li kienet isostni li wieħed għandu jieħu l-ħajja kif tiġi.

Huwa twieled f'Corduba ġewwa Hispania u trabba f'Ruma fejn studja r-retorika u l-filosofija. Kien eżiljat lejn Corsica mill-Emperatur Claudius fis-sena 41AD. Reġa' lura Ruma fis-sena 49 u laħaq konsulent ta' Neruni – wieħed mill-akbar imperaturi tiranni tal-Imperu Ruman – li ordnalu jneħħi ħajtu b'idejh fis-sena 65, ħaġa li wettaq billi qata' l-vina.

Dan il-manuskritt, jiftaħ bil-*Controversiae* ta' missieru Seneca ix-Xiħ – kittieb Ruman magħruf – jew ir-Retoriku. Wara hemm *Naturales quaestiones, De beneficiis u Dialogorum libri XII* kif ukoll *Proverbia* u *De moribus* li bi żball huma attribwiti lil Seneca.

Dan il-manuskritt fih minjatura mifruxa fuq faċċata sħiħa li turi lill-awtur bħala Ruman jaqra ħdejn ħanut tal-kotba miftuħ. Hemm min isostni li din hija kopja ta' original tas-seklu ħamsa jew sitta minħabba l-forma klassika tagħha. Oħrajn igħidu li oriġinat f'Napli jew Sqallija minħabba elementi Biżantini. Madanakollu, aktar jidher li dan il-manuskritt għandu oriġini katalana.

Xogħolijiet ta' Seneca, Seklu 14

242 folio (2 kol., 31-36 lín.), manuskritt fuq il-karta; 34,3 x 25 ċm
Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona
Referenza: ES.08019.ACA/3.38.3.-1//ACA,COLECCIONES,Manuscritos,Sant Cugat,11



# Siltiet mill-Idejat Umanistiċi ta' Erażmu, minn Brandano Caxaro

L-awtur ta' dan id-dokument, il-Nutar Brandano Caxaro (1508-1565) kien saċerdot li pprattika, għallem u xerred ħsibijiet Riformisti f'Malta. Bħal oħrajn f'Malta kien influwenzat mill-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530, li magħhom ġabu mewġa ta' ħsibijiet, tradizzjonijiet u drawwiet ġodda u fejn inħoloq ambjent kosmopolitan.

Dan l-impatt fuq in-Nutar Caxaro jidher ċar fir-reġistri notarili tiegħu, fejn jagħmel użu minn frażijiet meħuda minn xogħolijiet Riformisti, li kienu jinkludu il-*Colluquia* ta' Erażmu, l-iskular Umanista Olandiż (1466-1536). Il-kotba ta' Erażmu, l-aktar il-*Colloquia*, kienu jintużaw fil-bidu mill-istudenti ta' Erażmu stess biex jistudjaw fuqhom lejn l-aħħar tas-Seklu Ħmistax. Sas-sena 1533 kienu ħarġu tnax-il edizzjoni ġdida ta' dan ix-xogħol, li eventwalment dawn laħqu ħamsin. Skont diversi xhieda li ingħataw waqt l-investigazzjonijiet tal-Inkwiżizzjoni, Malta kellha ħafna x'taqsam fit-tqassim ta' dan ix-xogħol; uħud mix-xhieda stqarrew li dawn il-kotba kienu jinqraw fl-iskejjel tal-grammatika u diskussi waqt laqgħat li kienu jsiru bil-moħbi. Minn dawn il-kotba, twieldet spiritwalità ġdida li kienet maħsuba biex tqarreb lill-bniedem aktar lejn Alla bis-saħħa tal-filosofija ta' Ġesu Kristu.

Kif diġa msemmi, dawn ix-xogħolijiet ħallew effett kbir fuq in-Nutar Caxaro. Att li nstab fil-volum tas-sena 1541 huwa interessanti minħabba li n-Nutar Caxaro kiteb "*Amaracus ait abstine sus non tibi spiro*" jiġifieri "il-merqtux jgħid: 'oqgħod 'l bogħod ħanżir, jiena ma nxerridx il-fwieħa tiegħi għalik.'"

L-attivitajiet riformisiti tiegħu ma kienux injorati u spiċċa biex deher darbtejn quddiem it-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni. Fl-1563, Caxaro instab ħati li xerred tagħlim eretiku u tilef il-privileġġi kollha li kellu. Kien ukoll projbit milli jibqa' jeżerċita bħala qassis u nutar.

Kwotazzjonijiet minn Erażmu, Brandano Caxaro, 02-09-1541, Malta

1 folio, manuskritt fuq il-karta; 35 x 25 ċm

Arkivji Notarili ta' Malta

Referenza: NAV R175 Nutar Brandano Caxaro




L-istemma li tikkonferma n-nobbiltà ta' Miklós Oláh, 23-11-1548, Bratislava, (Ungeriż: Pozsony) Slovakkja

Parċmina b'siġill tax-xama' mdendel; qies tal-karta: 81 x 49,5 ċm, tinja: 10,5 ċm, diametru tas-siġill: 14 ċm

Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – P 108 – 2. et 3. – Fasc. K – № 162

# L-istemma li tikkonferma n-nobbiltà ta' Miklós Oláh

Din il-parċmina mill-1548 tikkonferma n-nobbiltà tal-Ungeriż Miklós Oláh, Isqof ta' Eger, konsulent u segretarju tal-Kanċellerija Irjali u l-membri tal-familja tiegħu. Din l-għotja kabbret ukoll l-istemma tal-familja ta' Oláh.

Miklós Oláh (Nicolaus Olahus, 1493-1568) għex l-Ungerija u trabba fil-palazz ta' Jagiellon Vladislaus II tal-Ungerija. Huwa beda l-karriera ekklesjastika tiegħu fis-sena 1516. Fl-1526 huwa sar is-segretarju tar-Re Luwiġi II tal-Ungerija.

Wara r-rebħa tal-Imperu Ottoman fuq il-forżi Ungerizi fil-Battalja ta' Mohács fl-1526, Oláh mar mar-reġina Marija ta' Ħabsburgu lejn l-Olanda, li kienet armla, meta hija saret gvernatur tat-territorju fl-1531. Matul dawn is-snin, huwa sar il-korrispondent ta' Erażmu ta' Rotterdam, l-istudjuż Umanista famuż. Bis-saħħa tal-Battalja ta' Mohács, ġie fi tmiemu r-renju tad-Dinastija Jagiellonjana fl-Ungerija u l-Bohemja. Fl-1526, wara l-mewt tar-raġel t'oħtu, ir-Re Lwiġi II tal-Boħemja u l-Ungerija, Ferdinandu ta' Ħabsburgu ħataf iż-żewġ dominji. Huwa ħa f'idejh il-Boħemja mingħajr sforz imma sab lir-rival János Zápolya (Szapolyai) fl-Ungerija. Minħabba f'hekk, l-Ungerija baqgħet maqsuma bejnhom u l-Imperu Ottoman.

Ferdinandu I (li kien ukoll Imperatur Sagru Ruman bejn l-1558 u l-1564) prova jdawwar iż-żewġ kuruni tal-Boħemja u l-Ungerija f'pussess ereditarju tad-dar ta' Ħabsburgu. Huwa bagħat għal Miklós Oláh fl-Ungerija fl-1542, fejn laħaq kanċillier fis-sena ta' wara. Minħabba li kien membru tal-Knisja Kattolika, huwa laħaq Isqof ta' Zagreb (illum: Kroazja), imbagħad Isqof ta' Eger u mill-1553, Arċisqof ta' Esztergom, Primat tal-Ungerija. Huwa żamm mal-Ħabsburgi ħajtu kollha.

Id-digriet li ngħata lil Miklós Oláh minn Ferdinandu I huwa ornamentali ħafna. Fih diversi elementi dekorattivi u għandu disinn ta' minjaturi mat-truf kollha li juru l-ambjent u l-persuni imsemmija fid-diskors. Fir-rokna ta' fuq, fuq in-naħa tal-lemin, hemm stampa tal-kuntratt taż-żwieġ li sar bejn ir-renji ta' Ħabsburgu u Jagiellon fl-1516. Il-minjaturi fuq ix-xellug tal-parmina juru lil Karlu V, Imperatur Ruman Sagru u Vladislaus II, ir-Re tal-Ungerija. Iż-żewġ minjaturi ta' taħt juru lir-Re Lwiġi II tal-Ungerija mal-mara tiegħu ir-Reġina Maria tal-Ħabsburgu. It-tnjen l-oħra ta' wara juru lil Ferdinandu I, Re tal-Ungerija flimkien ma' martu Anna Jagellonica u fil-minjaturi ta' taħt hemm Arċiduka Massimiljanu u Ferdinandu, kif ukoll il-Gran Duċessa Joanna. Fuq, hemm minjatura ta' Miklós Oláh u l-membri tal-familja tiegħu Máté, Orsolya u Ilona Oláh, jitlobu. L-arma fl-istemma ta' Oláh għandha forma ta' unikornu. Fil-filliera orizzontali, bejn il-minjaturi ta' Vladislaus II u l-figura tal-Isqof jitlob, hemm l-istemma personali ta' Miklós Oláh li turi il-mitra tal-isqof.



# Provvista ta' Ingredjenti għall-Laboratorju Alkemiku ta' Rudolfu II

Dan id-dokument jagħti dettalji ta' wħud mill-ingredjenti li kienu jintużaw fl-alkemija, li kienu jinkludu lifgħat, ward u moffa mill-għadam li kien ikun hemm madwar il-forka.

Ir-Re Ħabsburgu Rudolfu II (1552-1612) kien l-Imperatur Sagru Ruman, Re tal-Ungerija, tal-Kroazia u tal-Boħemja u Arċiduka tal-Awstrija. Kien jippromwovi ħafna l-arti, flinkien mal-astroloġija u l-alkemija, li kienu meqjusa bħala l-metodi xjentifiċi ewlenin matul il-perjodu Rinaxximentali.

L-aktar alkemisti magħrufa Ewropej, bħal Dwardu Kelley jew Ġwanni Dee, kienu mistiedna biex jaħdmu fil-laboratorju alkemiku tal-Imperatur fil-Kastell ta' Praga, fejn kien jgħix.  Xjentisti rinomati oħra kienu jmorru fil-palazz ta' Rudolfu, fosthom il-filosfu Giordano Bruno u l-astronomu Ġwanni Kepler. Grazzi għas-sostenn tal-Imperatur, Kepler żviluppa it-tliet liġijiet famużi dwar iċ-ċaqlieq tal-pjaneti u numru ieħor ta' invenzjonijiet xjentifiċi relatati mal-palazz ta' Rudolfu II fi Praga.

Il-qorti tal-Boħemja kien jieħu ħsieb il-finanzi u l-bżonnijiet materjali fil-laboratorju ta' Rudolfu II. Kif juru d-dokumenti ta' bejn l-1580 u l-1611, il-qorti tal-Boħemja kien jibgħat talbiet lill-kunsilliera tal-belt u l-uffiċjali tad-distretti tal-artijiet fil-Boħemja biex jagħtu ngredjenti għal-laboratorju alkemiku. Dawn l-ingredjenti kienu jinkludu lifgħat, moffa mill-għadam li kien ikun taħt il-forok, l-għeruq ta'pjanti użati bħala veġetali, ward u *ros solis*. L-ingredjenti kienu jintużaw mill-alkemisti biex joħolqu diversi mediċini, fosthom l-ilma tal-ħajja *(aqua vitae)*, li kien meqjus bħala rimedju b'saħħtu kif ukoll il-bażi għall-produzzjoni tal-wiski u l-brandi.

Provista ta' Ingredjenti għall-Laboratorju Alkemiku ta' Rudolfu II, 1580–1611, Praga (Repubblika Ċeka),
data u post tal-paġna murija: 16-01-1608, Praga (Repubblika Ċeka)

6 faċċati, manuskritt fuq il-karta; 32 x 22 ċm

Arkivji Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka

Referenza: NA, SM, P 118/14





Framment minn Manwal ta' Alkemista, Sekli 16–17

6 faċċati, framment ta' ktieb tal-karta, mauskritt b'illustrazzjonijiet; 21,5 x 31 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta' Győr-Moson-Sopron ġewwa Sopron, Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-GYMSMSL – XV – 89. – № 42.

# Framment minn Manwal ta' Alkemista

Dan id-dokument jagħti ħarsa lejn ix-xjenza tal-alkemija fis-Sekli Sittax u Sbatax.

L-alkemisti ħadmu biex inaddfu jew jippurifikaw u joħolqu ċerti materjali, l-aktar dawk mhux daqshekk komuni, bħad-deheb. Din il-prattika kienet madwar l-Ewropa kollha, fid-dinja Iżlamika, fil-Lvant Imbiegħed u fis-sotto kontinent Indjan. Kif juri dokument ieħor f'din il-wirja, Rudolfu II, l-Imperatur Sagru Ruman kien ukoll magħruf għall-interess kbir li kellu fl-alkemija, u huwa ħallas għal alkemisti fil-palazz tiegħu fi Praga lejn l-aħħar tas-Seklu Sittax.

L-alkemija kibret bħala xjenza popolari għal aktar minn mitejn sena, bil-popolarità tagħha tilħaq il-quċċata fis-Seklu Tmintax, meta kibret distinzjoni bejn l-alkemija u t-terminu aktar xjentifiku magħruf bħala l-kimika. F'dan il-punt, l-alkemija aktar saret tikkonċerna il-manifattura tad-deheb.

B'hekk ix-xjenzi moderni bħall-kimika, il-fiżika u l-mediċina ħadu fuqhom ir-riżultati tal-alkemisti hekk kif dawn ħolqu teknikalitajiet bażiċi għal laboratorji, metodi ta' kif isiru l-esperimenti, teorija u terminoloġija. L-alkemija influwenzat ukoll l-evoluzzjoni tax-xjenza u l-filosofija in ġenerali u dehret ukoll fl-istorja tal-mistika u soċjetajiet mistura. L-istorja tagħha titfa' dawl ukoll fuq il-ħoloq intellettwali bejn l-Ewropa u partijiet oħra tad-dinja qabel il-moderniżmu.

Dan id-dokument kien miktub bil-Ġermaniż fil-lvant tal-Ungerija matul is-Sekli Sittax u Sbatax. Huwa framment ta' manuskritt ta' alkemista (sitt faċċati biss għadhom jeżistu) li l-oriġini tiegħu mhux magħrufa. Ta' min wieħed isemmi li xogħolijiet anonimi jew pseudoepigrafiċi (fejn l-isem veru tal-awtur kien mistur) kienu tipiċi fl-alkemija, minħabba li din is-sengħa kienet meqjusa bħala attività sigrieta.


muy p^os s^r

miguel de cervantes digo que yo e
conpuesto vn libro intitulado el in
genioso hidalgo de la mancha del qual
hago presentacion a V. Al^a Pido
y sup^co sea servido de darme licencia
y previlegio para imprimirle por vein
te años atento al mucho estudio y tra
vajo que en conponer el dicho libro e
gastado y ser de letura apacible curiosa
y de grande ingenio que en ello recivire
gran bien y merced y para ello &c

Miguel de cervantes

A. H. N.
CONSEJOS
doc. 1157

# Applikazzjoni biex ikun Stampat id-*Don Quixote* ta’ Miguel de Cervantes

Ix-xogħol letterarju magħruf ta’ Miguel de Cervantes, *Don Quixote*, huwa meqjus minn ħafna bħala l-ewwel novella moderna. Ippubblikat f’żewġ volumi bejn l-1605 u l-1615, dan jagħti rendikont tal-avventuri ta’ raġel nobbli minn La Mancha fi Spanja, li kien jaqra ħafna stejjer romantiċi marbuta mal-kavallieri u huwa kien jimmaġina lilu nnifsu jgħix fid-dinja tan-novelli bħala kavallier.

Dan id-dokument jagħti stampa ċara tal-isfidi ammistrattivi li qamu meta wasal biex ikun ippubblikat dan ix-xogħol fil-bidu tas-Seklu Sbatax. Fost oħrajn, wieħed isib it-talba għal-liċenzja minn Miguel de Cervantes u l-privileġġ tal-istampa tal-manuskritt *El Ingenioso Hidalgo de la Mancha* għal għoxrin sena. Dan id-dokument fih ukoll in-noti tal-awtur fejn jispjega għaliex jaħseb li dan ix-xogħol għandhu jkun ippubblikat, meta jagħmel aċċenn fuq l-importanza tas-suġġett.

Fl-aħħar dan il-manuskritt kien ippubblikat bl-isem ta’ *El Ingenioso hidalgo: Don Quijote de la Mancha* (Il-Ġentlom Inġenwu: Don Quixote minn la Mancha). Ta’ min isemmi li ma kien hemm l-ebda garanzija li ser toħroġ liċenzja u missna nqisu lilna nfusna xortina tajba li ktieb klassiku bħal dan ra d-dawl tad-dinja.

Cervantes kellu effett qawwi fuq il-letteratura Ispanjola kif ukoll il-letteratura dinjija – kultant l-Ispanjol huwa meqjus bħala l-ilsien ta’ Cervantes. Din il-pubblikazzjoni ma ħallietx impatt kbir matul ħajtu. Cervantes (1547-1616) għadda l-parti l-kbira ta’ ħajtu jgħix fil-faqar u l-oskurità. Issa f’idejna li napprezzaw lil dan il-ġenju.

Dokument li jiġbor l-applikazzjoni għall-permess u l-privileġġ li jkun stampat *El Quijote* ta’ Miguel of Cervantes, 1604 / 11-09-1604, Valladolid (Spanja)

1 folio, manuskritt fuq il-karta; 31 ċm x 22 ċm

Arkivji Nazzjonali ta’ Spanja – Arkivju Storiku Nazzjonali

Referenza: ES.28079.AHN/5.1.13//CONSEJOS,Doc.1159


Nos Petrus Miseratione Di

Id-Digriet tat-Twaqqif tal-Università ta' Nagyszombat, 12-05-1635, Bratislava, (Ungeriż: Pozsony) Slovakkja

Parċmina b'siġill tax-xama'; 67,2 x 40 ċm, diametru tas-siġill: 8,5 ċm

Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – E 152 – Regestrata – Collegium Tyrnaviense – Fasc. 8. – № 26

# Id-Digriet tat-Twaqqif tal-Università ta' Nagyszombat

L-ewwel universitajiet fl-Ewropa bdew fl-aqwa snin tal-Medju Evu. Fost dawk tal-bidu, kien hemm l-Università ta' Bologna, l-Università ta' Pariġi u l-Università ta' Oxford, li ilha mis-Seklu Ħdax.

L-ewwel universitajiet li twaqqfu fir-Renju tal-Ungerija matul il-Medju Evu - Pécs, Esztergom ma damux wisq. L-Università ta' Nagyszombat (illum: Trnava, Slovakkja) hija l-eqdem waħda Ungeriża li għadha teżisti sa llum. Kienet il-prekursur tal-Università f'Budapest, dik ta' Eötvös Loránd, l-aktar waħda għolja u ta' preġju fl-Ungerija.

Twaqqfet fl-1635 minn Péter Pázmány, il-Kardinal Arċisqof ta' Esztergom. Pázmány (1570–1637) imwieled Protestant f'Oradea (bl-Ungeriż: Nagyvárad, illum belt fir-Rumania), fil-Principat tat-Transilvanja. Huwa kien imexxi it-tiġdid Kattoliku fl-Ungerija, wieħed mill-aqwa awturi barokki Ungeriżi.

Il-mod li bih kien jgħin lill-fidili biex jikkonvertu kien wieħed bil-mod, filwaqt li kien isaħħaħ l-istituzzjonijiet Kattoliċi, kontra l-vjolenza li dak iż-żmien kienet xterdet ma' kullimkien dak iż-żmien. Kien politiku magħruf għal żmienu, irrappreżenta l-interessi tal-Ungerija anke kontra il-Kurja Papali u l-Qorti ta' Vienna. Bħala Arċisqof, Péter Pázmány bena istituzzjonijiet biex jeduka lis-saċerdoti. Huwa waqqaf il-*Pazmaneum* fi Vienna biex isaħħaħ l-edukazzjoni tas-saċerdoti fl-Ungerija. Dawn is-saċerdoti bdew jaħdmu għall-poplu tar-Renju tal-Ungerija u t-territorji okkupati mill-Ottomani. Din l-edukazzjoni segwiet il-metodu Ġiżwita, li kien l-aħjar metodu għal dak iż-żmien. (Pázmány kien Ġiżwita gradwat mill-Universita ta' Graz.)

Fil-bidu, l-università tipikament Ġiżwita f'Nagyszombat kellha l-Fakultà tal-Umanitajiet u t-Teoloġija, bid-dritt biex tgħallem ix-xjenzi. Żdiedet il-Fakulta tal-Liġi fl-1667, u wara dik tal-Mediċina fl-1769, u b'hekk saret Università klassika sħiħa. Wara li spiċċat ir-rabta mal-Ġiżwiti – kif kien ippreveda l-fundatur – l-Università imxiet għal Buda fl-1777, imbagħad għal Pest fl-1784, fejn għadha hemm sa llum.


PIANTA E PROSPETTO DEL TEATRO PUBLICO.
Nella Strada Del Carmine.
Casa Della Fondazione Alliari e Piol.
Camera degl' Abiti
Priorato Di Nauarra.
Casa del Rev. Sacerdote Don Filippo Bonnici. Casa del S.r Corogna
Galleria
Galleria
Cin que Loggie In Fronte
Corridore
Camera
Camera
Quarto Piano delle Loggie.
Terzo Piano Delle Loggie.
Secondo Piano Delle Logg.e
Piano Terrano.
Piano delle Cantine.
Prospetto del Teatro.
Scala di Canne Dodeci.
1 2 3 4 5 6 7 8 9 10 11 12 Canne.

# Il-Pjan tat-Teatru Manoel fil-Belt, Valletta

Fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta, hemm il-Kabrew ta' Vilhena, li huwa volum ta' mapep u disinni, inklużi dawk tat-Teatru Manoel fil-Belt Valletta. Dan it-teatru huwa meqjus bħala t-tielet l-aktar wieħed antik fl-Ewropa li għadu jopera, u l-eqdem wieħed fin-Nazzjonijiet tal-*Commonwealth*.

Dan l-iżvilupp jagħti ħarsa ċara lejn l-istorja tal-arkitettura tas-Seklu Sbatax f'Malta, flimkien mal-ħajja kulturali kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa.

Il-Gran Mastru Portugiż tal-Ordni ta' San Ġwann, Fra António Manoel de Vilhena (1663–1736) ħallas minn butu għax-xogħol fuq dan il-bini fl-1731 biex iservi ta' teatru pubbliku "għar-rikreazzjoni onesta tal-poplu." Qabel ma beda l-bini, il-Gran Mastru xtara żewġt idjar mingħand il-Prijorat ta' Navarre, li kellhom il-faċata tagħti għal fuq Triq it-Teatru l-Antik.

Id-pjanti juru li l-forma oriġinali tat-teatru kellha tkun forma ta' U, u mhux ovali kif inhi llum. It-teatru kien ukoll aktar baxx mill-lum, u kellu inqas palketti, disgħa u tletin meta llum hemm sebgħa u sittin.

L-ewwel serata li saret f'dan it-teatru Pubbliku kienet it-traġedja klassika ta' Scipione Maffei *Merope*, fis-9 ta' Jannar 1732. L-atturi li ħadu sehem kienu Kavallieri nfushom, u d-disinn sar mill-perit ewlieni tal-militar tal-Kavallieri, Françoic Mondion. L-isem li ngħata fil-bidu, Teatru Pubbliku, inbidel għal *Teatro Reale*, jew it-Teatru Rjal, fl-1812, u reġa inbidel għat-Teatru Manoel fl-1886 biex issemma għall-Gran Mastru li waqqfu.

Dwar id-disinni, il-kelma Kabrew ġejja mill-Katalan *capbreu* jew mill-Latin *capi brevium*. Jista' jissejjaħ bħala inventarju tal-proprjeta mobbli u immobbli f'dan il-każ tal-Ordni ta' San Ġwann. Dan it-terminu kien adottat mill-Ordni biex ifisser ġabra ta' rekords miktuba u disinni tal-art u tal-proprjetà.

Pianta e Prospetto del Teatro Publico (Il-Pjan tat-Teatru Manoel fil-Belt, Valletta fil-Cabreo Vilhena), 1736, Valletta (Malta)

1 folio b'5 partijiet mehmuża, manuskritt fuq il-karta; 57 x 30 ċm

Il-Librerija Nazzjonali ta' Malta

Referenza: NLM Treas. B 310



Ritratti mill-espedizzjoni Polari ta' Fridtjof Nansen, 12-07-1894, Oċean Arktiku

1 ritratt iswed u abjad; 27 x 21 ċm

Il-Librerija Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: no-nb_bldsa_3c060 – q3c024

# Fridtjof Nansen: Pijunier Polari

Dawn ir-ritratti juru lil Fridtjof Nansen waqt l-espedizzjoni famuża tiegħu bejn is-snin 1893 u 1896, magħrufa bħala "Fram". Hawn stampa ta' kif kienet il-ħajja ta' kuljum waqt din l-espedizzjoni u juru l-investigazzjonijiet xjentifiċi li saru.

Fridtjof Nansen (1861-1930) studja ż-żooloġija u beda l-karriera xjentifika tiegħu b'riċerka dwar is-sistema ċentrali nervuż tal-ħlejjaq tal-baħar. Filwaqt li Santiago Ramon y Cajal rebaħ il-Premju Nobel fil-Mediċina fl-1906 għat-tiftix tiegħu fuq l-istess tema, il-prijorità teknika għat-teorija hija attrwibwita lil Nansen.

Huwa mexxa l-grupp li qasam il-qalba ta' Greenland għall-ewwel darba fl-1888, bl-użu ta' skijs biex jaqsmu l-art miftuħa, qabel ma akkwista l-fama internazzjonali bħala esploratur polari meta laħaq il-latitudni tat-tramuntana ta' 86°14′ bl-espedizzjoni Fram. L-għan tiegħu kien li jaqsam is-silġ tal-Poli Nord, biex jistudja l-ipoteżi li s-silġ polari jibda mis-Siberja, għall-Oċean Artiku u jasal sa Greenland. Dak iż-żmien ma kienx hemm biżżejjed għarfien dwar ir-reġjuni polari għax ħadd kien għadu ma wasal sa hemm.

Hemm fuq kien biss baħar u silġ, jew kien hemm art mhix magħrufa? B'liema pass kien jiċċaqlaq is-silġ fil-Poli Nord, jekk kien hemm xi forma ta' ċaqlieq? Xi ħxuna kellu dan is-silġ? Kemm kienet kiesħa t-temperatura tal-arja u tal-ilma? Nansen beda biex iwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet u aktar b'din l-espedizzjoni Fram, bil-għan li jilħaq il-Poli Nord billi jorbot il-kurrenti naturali tal-lvant u l-punent tal-Oċean Artiku.

Il-vapur, li kien jismu Fram, inbena mill-inġinier navali Colin Archer. Dan il-vapur kien magħmul b'saħħtu ħafna bl-użu ta' ħafna travi trasversali u twavel tal-ballut iebes ħafna. Il-bastiment li kien għat-tond kien iddisinjat biex jimbotta 'l fuq meta kien jeħel fis-silġ. Għalkemm esploraturi polari oħra kienu jaqtgħulu qalbu, Nansen ħa l-Fram fuq il-Gżejjer tas-Siberja fin-naħa tal-Lvant tal-Oċean Artiku, ħalla dan il-bastiment jagħqad mas-silġ u stenna sakemm il-kurrent iġorru sal-poli. Billi ma kellux paċenzja minħabba l-pass bil-mod ħafna tal-vapur kif ukoll minħabba li l-kurrent ma kienx stabbli, Nansen u ieħor telqu minn fuq il-vapur u wara 18-il xahar erħewlha lejn il-poli flimkien ma' numru ta' klieb u slitti. Ma laħquhx, imma laħqu rekord ta' 86°13.6′ latitudni tat-tramuntana qabel ma bdew mixjin lura fuq is-silġ u minn ġol-ilma biex jaslu qawwijin u sħaħ fuq l-art magħrufa bħala Franz Josef Land. Sadanittant, il-vapur Fram kompla jimxi mal-kurrent lejn il-punent, sakemm fl-aħħar ħareġ fit-tramuntana tal-Oċean Atlantiku.

L-osservazzjonijiet xjentifiċi li saru f'dan iż-żmien taw sehem kbir lid-dixxiplina ġdida tal-oċeanografija, li biż-żmien saret il-qofol tax-xogħol xjentifiku kollu ta' Nansen. Matul ir-riċerka tiegħu, huwa għamel diversi vjaġġi xjentifiċi, l-aktar lejn l-Atlantiku tat-Tramuntana u ta sehemu fl-iżvilupp tal-makkinarju modern li għandu x'jaqsam mal-oċeanografija.




Mapep tat-temp, 23-08-1918, Bergen (Norveġja)

Mappa fuq il-karta; 56,4 x 62,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja, Arkivju Reġjonali ta' Bergen

Referenza: L-Istitut Meteoroloġiku Norveġiz, Taqsima tat-Tbassir, Bergen

# Il-Bidu tal-Meteoroloġija Moderna

Fl-1 ta' Frar 1919, Jack (Jacob) Bjerknes ippubblika *On the Structure of Moving Cyclones* fil-*Geophysical Publications*. Dan ix-xogħol huwa meqjus bħala l-qafas modern tal-mod kif wieħed jista' jagħti r-rapporti tat-temp u bħala mument important għall-iSkola tal-Meteoroġija ta' Bergen.

Dan id-dokument, mappa tat-temp, saret mill-iSkola ta' Bergen fil-bidu tal-meteoroloġija. Turi s-sitwazzjoni tat-temp fit-23 ta' Awwissu 1918 fin-Nofsinhar tan-Norveġja.

L-iSkola tal-Meteoroloġija ta' Bergen hija kkunsidrata bħala l-post fejn twieled il-qari tat-temp modern. Din twaqqfet mill-meteoroloġista il-Professur Vilhelm Bjerknes (1862–1951) u l-kollegi tiegħu, iżgħar minnu fl-età, fl-1917. L-iSkola tal-Meteoroloġija ta' Bergen ippruvat tagħti definizzjoni taċ-ċaqlieq tal-atmosfera bl-użu tal-matematika bejn l-idrodinamika u t-termodinamika. Ftit minn dan kien diġà ġie skopert minn Bjerknes innifsu, u b'hekk it-tbassir matematiku kien aktar faċli biex isir bl-analiżi tad-data b'mod sistematiku. Ħafna mix-xogħol fuq din it-tema sar mill-Istitut tal-Ġeofiżika fl-Università ta' Bergen fin-Norveġja.

L-iSkola ta' Bergen kienet kruċjali fil-bidu ta' dan l-iżvilupp u fit-tbassir numeriku tat-temp bejn is-snin erbgħin u s-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor. Wieħed jista' jgħid li dan l-iżvilupp sar bil-koperazzjoni bejn riċerkaturi Skandinavi u Amerikani. L-użu tal-kompjuters ukoll kien importanti biex setgħu isir għadd kbir ta' kalkoli tat-tbassir.

Din il-koperazzjoni transatlantika kienet ta' siwi fl-iżvilupp tal-iSkola ta' Bergen li stabbiliet rwol importanti għall-komunità meteoroloġika tan-Norveġja fl-istorja tal-meteoroloġija moderna.



Testament

Undertegnede Edvard Munch bestemmer herved som min siste vilje:

Av mit bo gir jeg til min søster Inger Munch kr. 100 000 – Ethundre tusen Kroner,

til min niece Andrea Ellingsen kr 40000.– firtitusen Kroner,

til Trengende Kunstneres efterlatte kr 30.000 – Trettitusen Kroner.

Oslo Kommune får mine efterlatte Kunstverker, tegninger, tresnitt litografier, raderinger samt treplater til tresnitt, litografiske stener, samt graverede Kobberplater.

Det må ikke trykkes av mine litografiske stener, treplater eller Kobberplater. Der kan blott velges 10 – ti – eksemplarer av hver av mine efterlatte grafiske verker.

Alle mine brev efterlater jeg til min søster Inger Munch. Det tilfaller Trengende også 100 – ethundre – gravurer efter eget valg.

Utkast til mine litterære arbeider tilfaller Oslo Kommune som efter sakkyndiges skjønn bestemmer hvorvidt og i hvilken utstrekning disse skal offentliggjøres.

Forøvrig overlates alt til Skifterettens bestemmelse.

Alle arveavgifter dekkes av boet.

Alle tidligere av mig opprettede testamenter annulleres.

Ekely i Ullern 18 april 1940

Edvard Munch

Den 18 april 1940 blev undertegnede advokat Albert Balchen og overrettssakfører Harald Platou av Edvard Munch anmodet om som testamentsvidner å overvære opprettelsen av foranstående testament. Efter langsom og tydelig oplesning erklærte han at det inneholder hans siste vilje, hvorefter han vedtatt samt og samtidig underskrev det i vårt påsyn.

Albert Balchen Harald Platou

It-testment ta' Edvard Munch, 23-02-1948, Oslo (Norveġja)

1 folio, manuskritt fuq il-karta; 24 x 33 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja – Arkivju Reġjonali ta' Oslo

Referenza: SAO/A-10383, Id 4-5, estate no.21/1944

# It-Testment ta' Edvard Munch



Edvard Munch (1863–1944) kien wieħed mill-artisti signifikanti tal-Moderniżmu, magħruf l-aktar għall-pittura tiegħu *The Scream*. Dan huwa t-testment li għamel fl-1940.

Il-karriera ta' Munch bħala pittur ratu jmur 'l hinn min-naturaliżmu u l-preċiżmu tal-oġġetti u minflok ifittex rappreżentazzjonijiet personali li jesprimu l-qagħda mentali tal-bniedem modern. Influwenzat mill-moviment simbolista, Munch sar pijunier tal-arti espressjonista.

Fit-testment tiegħu tat-18 ta' April 1940, huwa ħalla ħafna mix-xogħolijiet tiegħu lill-Belt ta' Oslo: 1,100 pittura; 18,000 xogħol grafiku; 4,500 tpinġija u akkwarelli, sitt skulturi, numru kbir ta' ittri u korrispondenza oħra.

F'dan it-testment, li waqqa' kull testment ieħor li għamel qabel, u li għamlu disgħat ijiem biss qabel ma t-truppi Nażisti invadew lin-Norveġja, Munch ried li: "il-Muniċipilta ta' Oslo tiret l-arti tiegħi li baqa', tpinġijiet, xogħol fl-injam, litografiji, xogħolijiet tal-intall, flimkien ma' blokok tal-injam, litografiji, u pjanċi tar-ram intaljati jew minquxa. Ma jistgħux isiru prints minn litografiji, blokok tal-injam jew pjanċi tar-ram. Għaxra biss – għaxra – kopji minn kull xogħol grafiku tiegħi jista' jinbiegħ."

Fit-testment, huwa jispjega kif għandhom ikunu mqassma u mmexxija il-ġid, ix-xogħol artistiku u x-xogħolijiet letterarji tiegħu. Dan wassal biex ikun imwaqqaf il-Mużew Munch f'Oslo, il-mużew nazzjonali Norveġiż tal-arti, li fetaħ fl-1963.

(Fuq) Awto-ritratt impitter ta' Edvard Munch
Il-Mużew Munch









# Album tar-ritratti dwar Zoltán Kodály

Zoltán Kodály (1882–1967) kien kompożitur Ungeriż, mużikologu, għalliem tal-mużika u riċerkatur fuq il-mużika folkloristika li ta bidu għall-metodu Kodály, li sar magħruf bħala Wirt Kulturali Intanġibbli mill-UNESCO fl-2016.

Dan id-dokument juri lil Kodály waqt prova tal-mużika u huwa meħud minn album tar-ritratti ta' diversi avvenimenti biex ifakkru it-tmenin sena mit-twelid tiegħu fl-1962.

Zoltán Kodály beda jdoqq il-vjolin ta' eta żgħira u tgħallem termini bażiċi tal-mużika mingħand missieru, li kien mużiċista tajjeb. Mill-1900 huwa studja l-kompożizzjoni ma' Hans von Koessler fl-Akkademja tal-Mużika Frans Liszt f'Budapest, fejn ġab id-dottorat tiegħu bit-teżi fuq il-kompożizzjoni strofika fil-kant folkloristiku Ungeriż. Filwaqt li kien qed jgħallem fl-Akkademja, huwa għamel riċerka għal kant folkloristiku fl-Ungerija, flimkien mal-ħabib tiegħu Béla Bartók, kompożitur ieħor famuż Ungeriż tal-istess żmien.

Waqt l-Ewwel Gwerra Dinija, Kodály kien l-assistent mużikali ta' Béla Bartók fil-Ministeru tal-Gwerra Awstro-Ungeriż, u mexxa d-dipartiment mużikali tal-kwartier minn fejn kienu joħorġu l-avviżi tal-Gwerra f'Budapest, flimkien mas-surmast u kompożitur Bernhard Paumgartner, li kien jagħmel l-istess xogħol fi Vjenna.

Fl-1923 huwa kiteb wieħed mill-aqwa xogħolijiet tiegħu, is-*Psalmus Hungaricus*, wara li kien mitlub biex jagħmel dan mill-Kunsill Metropolitan ta' Budapest. Dan biex ifakkar il-Ħamsin Anniversarju mill-għaqda tal-kapitali Ungeriza, Budapest, minn tliet ibliet - Pest, Buda u Óbuda.

Meta l-Gvern implementa l-'Liġijiet Lhud' fl-1938, Kodály jingħaqad ma' intellettwali u artisti oħra prominenti u magħrufa biex jiffirmaw ittra ta' protesta kontra dawn il-liġijiet. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, huwa ħa f'idejh il-presidenza tal-Kunsill tal-Arti Ungeriż, kif ukoll l-irwol ta' president tal-Kunsill tal-Mużika Folkloristika Internazzjonali (*IFMC*) fl-1963.

Wieħed mill-aqwa xogħol li huwa għamel kien l-iżvilupp tal-Metodu Kodály, imsemmi aktar 'l fuq, li jdaħħal lit-tfal fl-ispirtu ferrieħi naturali tal-mużika. Din il-metodoloġija għadha tiġi mgħallma sa llum madwar id-dinja.

Għażla mill-album tar-ritratti dwar Zoltán Kodály miġbur mill-Assocjazzjoni tal-Artisti Mużikali Ungeriżi, 1960 / 1962, Budapest (Ungerija)

1 ritratt iswed u abjad minn album li fih 45 ritratt; qies tal-album: 32 x 35 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – P 2146 – 104 – № 15



Ritratti taż-żarmar tal-Guernica fil-Mużew tal-Arti Moderna (MOMA, New York) u l-armar tagħha fil- Casón del Buen Retiro (Madrid), 10-09-1981 / 12-09-1981, Madrid (Spanja)

1 ritratt iswed u abjad minn ġabra ta' 29 ritratt fuq il-karta 25,5 x 20 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Akrivju Storiku Nazzjonali

Referenza: ES.28079.AHN/2.3.1.6.1.2//FC-Mº_CULTURA,8,N.16

# Iż-Żarmar tal-*Guernica* fil-Mużew tal-Arti Moderna

Dan id-dokument juri wieħed mill-aktar avveniment magħrufa fl-istorja tal-Arti Ewropea - iż-żarmar tal-pittura ta' Picasso, *Guernica* fil-Mużew tal-Arti Moderna (MoMA) fi New York.

*Guernica* hija waħda mill-aktar pitturi famużi ta' Pablo Picasso (1871-1973). Tmur lura għal żmien il-Gwerra Ċivili Spanjola, meta l-forzi Repubblikani magħmula minn komunisti, soċjalisti, anarkisti u oħrajn iġġieldu kontra l-forzi Nazzjonalisti tal-Lemin immexxija mill-Ġeneral Francisco Franco.

*Guernica*, belt Baska fit-tramuntana ta' Spanja, kienet meqjusa bħala benniena tal-Moviment tar-Resistenza Repubblikan. F'April 1937, il-Leġjun Condor tal-Ġermanja Nażista bbumbardja lil Guernica u qered lill-belt.

Meta il-Gvern Spanjol Repubblikan staqsa lil Picasso biex ipitter affresk kbir għall-padiljun Spanjol tal-Fiera Internazzjonali ta' Pariġi tal-1937, huwa għażel il-bumbardament u l-belt bħala tema. Picasso dam jaħdem fuq din il-pittura għal ħamsa u tletin jum, bejn Mejju u Ġunju 1937, fejn ħareġ din it-traġedja bil-kuluri iswed, abjad u griż biex jissimbolizzaw tbatija u mewt. Fl-aħħar kienet tpoġġiet għall-wiri f'Lulju 1937, fil-padilljun Spanjol fil-Wirja Internazzjonali ta' Pariġi.

Fl-1968, id-dittatur Franco ried iġib lura lejn Spanja din il-pittura *Guernica.* Picasso ma riedx u ma tax il-permess li jsir dan sakemm il-poplu Spanjol ma jerġax jibda jgħix f'repubblika, filwaqt li rabat ċertu kundizzjonijiet bħalma huma "libertajiet pubbliċi u istituzzjonijiet demokratiċi."

Picasso miet fl-1973 u d-dittatur warajh fl-1975. Wara t-tmexxija ta' Franco, Spanja saret monarkija kostituzzjonali, billi rratitifikat kostituzzjoni demokratika ġdida fl-1978. Għall-bidu, il-Mużew tal-Arti Moderna (MoMA) fi New York ma riedx jibgħat din il-pittura lura, filwaqt li saħaq li l-preżenza tal-monarkija kienet kontra r-rieda ta' Picasso għal Spanja demokratika. Fl-aħħar ċedew fl-1981, meta kienet żarmata u ntbagħtet għall-wirja li kienet ser issir f'Casón del Buen Retiro ġewwa Madrid għaċ-ċelebrazzjoni taċ-ċentinarju mit-twelid ta' Picasso. Ftit inqas minn miljun ruħ raw din il-pittura fl-ewwel sena. Fl-1992, il-*Guernica* ittieħdet mill-Museo del Prado għal gallerija mibnija apposta fil-Museo Nacional Centro de Arte Reina Sofía.

# 02

# Id-diversità tal-Ewropa

Biex wieħed jifhem l-istorja tal-Ewropa, huwa importanti li jintwerew l-identità diversa u l-esperjenzi storici tal-Ewropej. L-affarijiet li jinsabu għall-wiri f'din it-taqsima jistudjaw l-istorja tal-kommunitàjiet nazzjonali, etniċi u reliġjużi imxerrda mal-Ewropa.

Fl-Ewropa hemm it-tendenza li naraw l-istorja tar-reliġjonijiet mill-perspettiva tal-Kristjaneżmu tal-Punent, għax din ir-reliġjon tidher li ddominat l-istorja Ewropea. Imma kif wieħed jista' jara mid-dokumenti li jinsabu hawnhekk, il-kultura Kristjana fl-Ewropa mhux biss kienet teżisti flimkien mal-kulturi Ġudajka u Musulmana, imma kienet influwenzata ħafna minnhom it-tnejn. Ħafna kommunitàjiet reliġjużi sawru l-identitajiet Ewropej, u l-istorja Ewropea ma tistax tkun studjata a bażi tal-istorja tal-Kristjaneżmu biss.

Hemm tendenza li wieħed janalizza l-istorja Ewropea mill-perspettiva tal-istati dominanti. Imma dawn huma kollha mibnija reċentement fis-sens politiku u kulturali, kif ukoll fl-era tal-Moderniżmu entitajiet oħra ingħaqdu magħhom biex jiffurmaw l-istorja tal-Ewropa. Hawnhekk wieħed isib dokumenti li juri l-perspettivi ta' nazzjonijiet iżgħar - Fillandiżi, Maltin u Sami - li kellhom jiġġieldu biex ikollhom il-lingwa u l-identità jew l-indipendenza tagħhom rikonoxxuti.

Fl-era moderna, ħafna Ewropej kellhom iħabbtu wiċċhom ma' ħafna kuntrarju minħabba li kienu membri ta' minoranzi kulturali, reliġjużi, etniċi jew nazzjonali. Il-minoranzi Musulmani kellhom jgħixu ħafna drabi mwarrba fit-tarf soċjetajiet Kristjani. Il-kommunitajiet Lhud ilhom sekli sħaħ iħabbtu iwiċċhom ma' persekuzzjoni fl-Ewropa, bil-persekuzzjoni tilħaq il-milja tagħha fit-traġedja tal-Olokawst. Fiż-żmien aktar viċin tagħna, il-komunità magħrufa bħala Roma iffurmat l-akbar minoranza etnika fl-Ewropa ta' llum. L-istorja tagħhom, tirrappreżenta sekli sħaħ ta' esklużjoni, persekuzzjoni, kif ukoll tbatija kbira waqt l-Olokawst.

L-immigrazzjoni wkoll għandha storja twila u varja fl-Ewropa, li tinkludi stejjer dwar esperjenzi kollettivi ta' intolleranza kontra komunitajiet sħaħ ta' immigranti. Dan il-fenomenu jidher ċar ħafna storikament fid-destin kollettiv ta' komunitàjiet sħaħ Misilmin, Lhud jew Roma fl-Ewropa. Id-destin ta' dawn il-minoranzi jinsab fid-dokumenti u r-ritratti li jinsabu għall-wiri hawnhekk.

Il-kultura Ewropea minn dejjem kellha s-sisien tagħha fuq id-drawwiet, twemmin differenti u l-esperjenzi ta' diversi komunitajiet. Ħafna minn dawn il-kommunitajiet, inklużi dawk ta' klassi soċjali baxxa, għaddew minn żmien iebes ta' oppressjoni f'ħajjithom. Relazzjonijiet ta' ġeneru u identitajiet sesswali huma żewġ suġġetti li raw, u jibqgħu jaraw, oppressjoni, intolleranza u esklużjoni. Dawn l-esperjenzi u dawn l-identitajiet diversi huma fil-qalba tal-istorja Ewropea.



# Minjaturi Medjovali tal-Manuskritt *Beatus ta' Tábara*

*Beatus ta' Tábara* huwa manuskritt illuminat mill-Medju Evu, li tlesta minn kollox matul is-Seklu Għaxra fl-iskrittorju tal-Monasteru ta' San Salvador de Tábara ġewwa Zamora fi Spanja.

Fil-monasteri Ewropej tal-Medju Evu, wieħed kien isib l-iskrittorju, sala dedikata għall-kitba. Il-manuskritt huwa wieħed mill-eqdem kodiċi (manuskritti antiki ħafna) meħud mill-Kummentarju fuq l-Apokalissi ta' San Ġwann, li primarjament inkiteb fis-Seklu Tmienja mill-monaku Beato (Beatus) minn Santo Toribio de Liébana.

Ġeneralment, il-"Kodiċi Mqaddsa" huma xogħolijiet reliġjużi, imżejna bi tpinġijiet didattiċi li kienu jgħinu biex wieħed jifhem il-kitba reliġjuża. Kienu bdew jiġu miktuba minn Beato u s-suċċessuri tiegħu fit-tieni nofs tas-Seklu Tmienja fis-saltna qadima ta' Asturias.

Paġna 171 tal-kodiċi tinkludi minjatura tat-torri fil-Monasteru ta' San Salvador de Tábara, l-aktar rappreżentazzjoni antika ta' skrittorju fl-arti Ewropea. Dan ix-xogħol huwa meqjus bħala l-aqwa minjatura medjevali u juri tnejn mill-kupjaturi u illuministi flimkien ma' assistent tagħhom.

*Beatus ta' Tábara* fih kummenti fil-ġenb bil-lingwa Għarbija, Dawn il-kummenti bl-Għarbi jikkonfermaw li l-manuskritt kien jintuża f'kuntest Możarabiku mill-Insara li probabilment kienu mill-Andalusija. Huma eżempju tal-ħajja flimkien tal-kulturi Nsara u Musulmani fil-Peniżola Iberika matul il-Medju Evu u jsaħħu l-valur storiku lil dan il-manuskritt.

*Beatus ta' Tábara,* 968–970

Kodiċi tal-parċmina illustrat bil-kulur, 171 paġna (inkluż pagni nieqsa jew mqatta'); 36 x 25,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Akrivju Storiku Nazzjonali

Referenza: ES.28079.AHN/5.1.3//CODICES,L.1097



# Runi ta' elf sena: Busni!

Ir-Runi jagħmlu parti integrali mill-wirt kulturali Ewropew. Ħafna drabi, ir-Runi huma assoċjati mal-Vikingi minħabba li mal-bidu ta' żmien il-Vikingi, l-Iskandinavi li ħolqu r-runi kienu diġa bdew jaħdmu b'alfabet.

Ir-runi mhumiex ilsien, imma alfabet - l-alfabet l-antik Ġermaniku - fejn kull sinjal jew simbolu jirrappreżenta ħoss. Sas-sena 550 WK, dawn ir-runi kienu jintużaw mill-popli Ġermaniċi, mill-Baħar l-Iswed fin-Nofsinhar san-Norveġja u l-Ingilterra fit-Tramuntana. Għandu mnejn li l-ewwel iskrizzjonijiet runiċi li kienu minquxa wara t-twelid ta' Ġesù Kristu huma l-aktar eżempji qodma tal-ilsien Ġermaniku fl-Iskandinavja.

L-ismijiet kien l-aktar miktuba bir-runiku, fuq ħwejjeġ żgħar biex juru ta' min huma jew min għamilhom. Ħafna oħrajn juru wkoll ċertu romantiċiżmu jew tbaħrit. Ir-runa li tinsab hawn – għadma ta' baqra minn Oslo mill-perijodu bejn 1075 u 1100 li fuqha hemm minqux *Kys mik!* jew bil-Malti: Busni!

Fl-Iskandinavja, madwar is-sena 700WK, l-alfabet kien imqassar u mibdul, jista' jkun minħabba t-tibdil kbir li kien sar fl-ilsien matul is-Sekli Sitta u Sebgħa.

L-alfabet Latin wasal fin-Norveġja madwar is-sena 1000WK mal-Kristjaneżmu imma dan ma ħax post ir-runi. Għal xi żmien, dawn iż-żewġ modi ta' kitba kienu użati b'mod parallel fin-Norveġja, bir-runi jispiċċaw fix-xejn matul is-Seklu Ħmistax. Sa dan iż-żmien, ir-runi kienu sparixxew mill-kontinent Ewropew u mill-Ingilterra, fejn dawn kienu użati sas-sena 1000WK.

L-arkeoloġi jistgħu jgħidulna ħafna fuq il-mod kif kien jgħix il-poplu Norveġiż matul dan iż-żmien, imma aħna inserrħu fuq l-iskrizzjonijiet runiċi biex naraw kif kienu jużaw il-lingwa, l-emozjonijiet u l-ħajja tagħhom.

Runi Qodma – Busni, 1075–1100, Oslo (Norveġja)

Għadma ta' baqra bi skrizzjonijiet runiċi; 9,8 x 2,5 ċm

Mużew tal-Istorja Kulturali (Norveġja)

Referenza: C33448. G 06097. N A41



بسم الله الرحمن الرحيم

# Ittra Rjali dwar il-Ħelsien ta' Priġunieri Musulmani

Dan id-dokument jitfa' dawl fuq il-kontribut Musulman fil-wirt storiku Ewropew, li arrikixxa l-kulturi tal-kontinent b'diversi manjieri.

Ismail I kien il-ħames Re Nasrid tal-Emirat ta' Granada bejn l-1314 u l-1325. Dan l-Emirat li twaqqaf minn Muhammad ibn al-Ahmar fl-1230 kien magħruf ukoll bħala r-Renju Nasrid ta' Granada, l-aħħar dinastija Musulmana fuq il-Peniżola Iberjika. Wara żewġ sekli ta' tkabbir kulturali u ekonomiku, dan ir-renju waqa' f'idejn il-Kuruna ta' Kastilja u spiċċa bis-saħħa tat-Trattat ta' Granada fl-1491.

Bejn l-1291 8 l-1397, ir-Re Ġakbu II ta' Aragona kien ir-re ta' Aragona u Valenzja u Konti ta' Barċellona. Fl-ittra, Ismail javża lil Ġakbu li kienu waslu sitt priġunieri maqbuda waqt żmien ta' paċi, u jirringrazzjah tal-isforzi li saru biex dawn jiġu salvati:

"L-ittra stmata tiegħek waslet permezz tas-serv ġenwin tiegħek, il-messaġġier ta' darek, u flimkien miegħu is-sitt Musulmani li kienu maqbuda waqt żmien ta' paċi. Napprezzaw ħafna il-fatt li dawn intbagħtu u napprezzaw ukoll il-kondotta leali l-aktar kbira tiegħek." Huwa jinsisti li r-re għandu joħroġ ordni biex jinħelsu priġunieri oħra li kienu għadhom maqbudin.

Din l-ittra hija waħda minn ġabra ta' ittri Għarab li jinsabu fl-Arkivji tar-Renju ta' Aragona. Din il-ġabra għandha valur storiku u filoloġiku kbir. Tiġbor madwar mitejn dokument miktuba bl-alfabet Għarbi, il-parti l-kbira ittri mibgħuta minn rejiet u uffiċjali għolja tal-pajjiżi Musulmani kollha fil-Mediterran, minn Granada għall-Eġittu, lir-rejiet ta' Aragona bejn is-Seklu Tlettax u dak Ħmistax. Dan id-dokument juri r-relazzjonijiet kumplessi bejn is-saltna Musulmana ta' Granada u s-saltna Kristjana ta' Aragona, żmien li kien fih kemm gwerer kif ukoll paċi. Iż-żmien ta' paċi kien jinkludi diversi ftehim bejn iż-żewġ saltniet relatati dwar il-kummerċ u l-ħelsien tal-priġunieri.

Ittra tar-Re Ismail I ta' Granada lir-Re Ġakbu II ta' Aragona, 09-08-1324, Granada? (Spanja)

1 folio, manuskritt fuq il-karta; 35,5 x 26 ċm

Akivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona

Referenza: ES.08019.ACA/3.7//ACA,COLECCIONES,Cartas árabes,núm.21





ויהי בימי אחשורוש הוא אחשורוש המלך
מהדו ועד כוש שבע ועשרים ומאה מדינה
בימים ההם כשבת המלך אחשורוש על
כסא מלכותו אשר בשושן הבירה בשנת
שלוש למלכו עשה משתה לכל שריו ועבדיו
חיל פרס ומדי הפרתמים ושרי המדינות
לפניו בהראתו את עשר כבוד מלכותו ואת
יקר תפארת גדולתו ימים רבים שמונים
ומאת יום ובמלואת הימים האלה עשה המלך
לכל העם הנמצאים בשושן הבירה למגדול
ועד קטן משתה שבעת ימים בחצר גנת
ביתן המלך חור כרפס ותכלת אחוז בחבלי
בוץ וארגמן על גלילי כסף ועמודי שש
מטות זהב וכסף על רצפת בהט ושש ודר
וסחרת והשקות בכלי זהב וכלים מכלים

# Skroll tal-Ktieb ta' Ester

Dan l-iskroll tal-Ktieb ta' Ester huwa xhieda mill-isbaħ tal-preżenza u l-kultura Lhudija fl-Ewropa medjevali. Kien miktub madwar is-sekli 14 u 15 u jinsab fl-Akrivju Storiku Nazzjonali Spanjol. F'din il-wirja jirrappreżenta l-għeruq Lhud tal-kultura Ewropea, parti mill-wirt storiku komuni tagħna.

Il-Ktieb ta' Ester huwa kitba tal-Antik Testment ikkaratterizat minn-natura storika tiegħu u mill-qari tiegħu matul il-festa ta' Purim. L-istorja ta' Ester ġrat fis-seklu 6 QK fil-Persja fejn il-poplu Lhudi kien eżiljat u fejn kien jiddependi fuq dak li kienu jridu il-mexxejja reliġjużi u politiċl tal-pajjiż.

Ir-Re Assweru kien neħħa r-reġina u ordna lill-ministri biex isibu oħra. Dan għamluh f'kompetizzjoni fejn kellha tintgħażel l-isbaħ mara. Sadanittant Amán, wieħed mill-ministri tar-Re u li kien kontra l-Lhud xerred il-qlajja li l-Lhud kienu qed jitradixxu l-imperu u beda jħejji digriet biex jeqridhom. Amán ma kienx jaħmel lil Mordechai, Lhudi viċin tar-Re, għax dan ma kienx jinkina quddiemu.

Minn-naħa tiegħu, Mordechai pperswada lin-neputija tiegħu Ester biex tidħol għall-kompetizzjoni għall-għażla tal-mara tar-Re mingħajr ma tikxef li hija Lhudija. Ġara li Ester kienet magħżula bħala r-Reġina. Imma, waqt ikla, Ester uriet lir-Re li kienet Lhudija u talbitu jħares lilha u lil niesha l-Lhud. Nhar il-15 ta' Adar, ir-Re waqqaf id-digriet kontra l-Lhud u minn dakinhar dan il-jum sar festa għal-Lhud li jiċċelebrawha kull sena.

*Il-Ktieb ta' Ester*, ca. Sekli 14–15

6 frammenti tal-parċmina meħjuta f'romblu; 230,5 x 11,3 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Akrivju Storiku Nazzjonali

Referenza: ES.28079.AHN/5.1.3//CODICES,L.1423



Registrū Bull.

Ann. 1733.

Prioratus Franciæ . . . . . . . . . . 1.
Prior.s Aquitaniæ . . . . . . . . . . 23.
Prior.s Campaniæ . . . . . . . . . . 29.
Prior.s S. Ægidij . . . . . . . . . . 35.
Prior.s Tholosæ . . . . . . . . . . 57.
Prior.s Alverniæ . . . . . . . . . . 65.
Castellania Empostæ . . . . . . . . . . 73.
Prior.s Cathaloniæ, et Navarræ . . . . . 77.
Prior.s Urbis Lomb. Venetiæ, et Pisarum . . 81.
Prior.s Baroli, Messanæ, & Capuæ . . . . 105.
Prior.s Castellæ, & Legionis . . . . . . 121.
Prior.s Portugalliæ . . . . . . . . . . 129.
Prior.s Alemaniæ, Bohem, Hung, & Datiæ . . 135.
Procuræ, & Commissiones . . . . . . . . 145.
Salvi-conductus, & diversæ Scripturæ . . 149.
Obligationes, & assignationes . . . . . . 177.
Professiones Frum . . . . . . . . . . . 179.
Litteræ Apostolicæ . . . . . . . . . . 185.
Pntatio Accipitris . . . . . . . . . . 293.

# *Liber Bullarum* tal-Ordni tal-Kavallieri Ospitaljeri

Dan id-dokumenti huwa paġna tipika ta' *Liber Bullarum* tas-sena 1733.

Il-*Liber Bullarum* kien wieħed minn sensiela ta' reġistri miżmuma mill-Ordni tal-Kavallieri Ospitaljeri (uffiċjalment L-Ordni tal-Kavallieri tal-Isptar ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm) mis-sena 1346. L-Ordni – li aktar tard kienet magħrufa bħala l-Ordni ta' Malta – twaqqfet madwar l-1099 mill-Beatu Ġerardu ġewwa Ġerusalemm. Kienet waħda mill-aktar ordnijiet militari Insara famużi u influwenti.

Dawn ir-reġistri jiġbru dettalji fuq iċ-ċaqlieq u l-ħatra ta' kull kavallier. Juru wkoll sa fejn l-Ordni ta' San Ġwann infirxet fl-Ewropa, u kif it-tagħrif tagħha jasal saċ-ċentru. Din l-informazzjoni kienet imqassma skont il-Lingwa u l-prijurat, dejjem skont l-organizzazzjoni tal-ordni u l-loġika tal-ġerarkija.

L-Ordni kienet imqassma fi tmien Lingwi, jew diviżjonijiet, skont in-nazzjonalità tal-Kavallieri u t-territorju fejn kellhom il-ġid u l-finanzi tagħhom. Il-Lingwi tal-Ordni ta' San Ġwann kienu: Aragona, Averna, Kastilja, León u l-Portugall, Ingilterra u l-Lega Anglo-Bavarjana, Franza, Ġermanja, Italja u Provenza.

Maż-żmien ħarġu odnijiet oħra mill-Ordni tal-Kavallieri Ospitaljeri, kollha msawra fuq il-mudell u tradizzjonijiet tal-ewwel waħda. Fost dawn, wieħed isib l-Ordni Militari Sovran ta' Malta (Ordni Militari Sovran Ospitaljier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta). Dan kien uffiċjalment rikonoxxut fil-Kungress ta' Verona fl-1822 u l-Ordni ta' San Ġwann (l-Ordni Venerabbli tal-Isptar ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm), imwaqqfa fl-1888 b'digriet tar-Reġina Vittorja.

*Liber Bullarum*, 1733, Malta

1 folio, manuskritt fuq il-karta; 30 x 40 ċm

Il-Librerija Nazzjonali ta' Malta

Referenza: AOM 537 f.1



Conscriptionis universorum portae ottomanicae (Ċensiment tas-sudditi Ottomani f'Eger), 1771, Eger (Ungerija)

14 folio, manuskritt fuq il-karta; 38 x 25 ċm

Arkivju tal-Kontea ta' Heves, l-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-HML – IV – 1 – b – 70. d. – B – XLVIII – b – 132

# Iċ-Ċensiment tal-1771 tas-Sudditi Ottomani fl-Ungerija

Dan id-dokument huwa parti miċ-ċensiment li sar fl-1771 tas-sudditi Ottomani f'Eger, belt fil-grigal tal-Ungerija. Huwa sinifikanti għax dan iċ-ċensiment sar wara kważi mitt sena minn meta intemmet il-ħakma Ottomana, b'tagħrif tajjeb fuq n-natura multi-kulturali u multi-etnika tar-reġjun.

Il-belt reġgħet waqgħet f'idejn it-truppi Nsara fis-17 ta' Diċembru 1687, wara li kienet kompletament meqruda waqt l-attakk. Fiż-żona imdawra bil-ħitan tal-belt, erba' mija u tlettax-il dar biss baqgħu abitabbli, l-aktar bil-familji Torok. Wara li t-truppi Torok irtiraw minn Eger, l-Insara li kienu kkonvertew għall-Iżlam kienu meħlusa wkoll, skont il-ftehim li kien iffirmat biex sar l-irtirar.

L-istoriċi ma jaqblux fuq in-numru eżatt ta' Misilmin li baqgħu fil-belt, minħabba nuqqas ta' sorsi ta' min joqgħod fuqhom. Skont rapport li sar minn amministratur rjali, tlieta u ħamsin familja Musulmana ikkonvertew għall-Kristjaneżmu. Dawn kienu l-ewwel abitanti f'din il-belt distrutta, wara li marru joqgħodu ħdejn il-fortizza. Il-liġi taż-żwieġ kienet tfisser li setgħu jagħżlu lil marthom biss mill-komunità li kienet maqtugħa mill-gruppi l-oħra.

Iċ-ċensiment tal-1771 jirreġistra tnejn u sittin familja meqjusa Ottomani jgħixu hemm. Il-Griegi, li kienu separati minħabba r-reliġjon Griega Ortodossa tagħhom, kienu mweldin kollha fir-reġjun storiku tal-Maċedonja. Tlettax minnhom ħadu l-ġurament ta' lejaltà lejn ir-Reġina Maria Tereża fid-29 ta' Diċembru 1773. F'din il-belt kienu jgħixu wkoll Ungeriżi, Ġermaniżi, Slovakki, Pollakki u Serbi.

Dan iċ-ċensiment sar mill-Kunsill tal-belt. Il-kunsill, magħruf bħala Senatus Magistratus, kien l-aktar istituzzjoni importanti tal-belt. Xogħolu kien jolqot il-ħajja kollha tal-populazzjoni tal-belt, mit-twelid sal-mewt. Kellu poteri kbar, għamel liġijiet, ħaddem impjegati u mexxa x-xogħol. Ta drittijiet ċivili, u ftit ħafna kienu d-drabi meta ċaħħadhom lil xi ċittadin.


PLAN

# Mappa Manuskritta ta' Charlotenburg (Saroltavár) ġewwa Banat

Mappa ta' raħal mill-1775.

Ir-raħal ta' Charlotenburg (bl-Ungeriż: Saroltavár, bil-Ġermaniż: Charlottenburg) u r-reġjun tal-madwar kien jagħmel parti mir-Renju Ungeriż. Illum dan jinsab fir-reġjun ta' Temes fir-Rumanija. Qiegħed f'Banat, reġjun storiku fuq il-fruntiera lejn ix-xlokk tal-Ewropa Ċentrali, li bħalissa tinsab maqsuma bejn tliet pajjiżi: il-parti tal-punent hija f'idejn ir-Rumanija, il-parti tal-lvant hija fis-Serbja u parti żgħira fin-nofsinhar hija ġol-Ungerija. F'din il-parti jgħixu numru sabiħ ta' gruppi etniċi u nazzjonali.

Charlotenburg, mwaqqaf fl-1771, huwa l-uniku raħal regulari f'forma ta' ċirku fir-reġjun ta' Banat. Fin-nofs ta' dan iċ-ċirku hemm bir li jimmarka il-bidu oriġinali ta' erba' toroq. Fuq in-naħa ta' barra ta' dan ir-raħal, kien hemm biċċiet tal-art fil-forom ta' mrewħa.

Dan ir-raħal twaqqaf fit-tieni fażi tal-ħakma ta' Banat, b'mija wieħed u tletin Ġermaniż li ntbagħtu joqgħodu hemm mill-Gvernatur il-Konti Carl Ignaz Clary Aldringen.

Fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija hemm xi mapep ta' Charlotenburg. Dokumenti u r-reġistri tal-artijiet li għandhom x'jaqsmu mal-mapep ta' Charlotenburg ma kienux ippreservati, imma l-mapep infushom xorta waħda għad għandhom ħafna informazzjoni utli. L-ewwel qsim tal-art, li kien sar mill-Inġinjier Franz Häscher fl-1775 għadu jidher. Skont it-tabella ta' fuq il-mappa, kien hemm wieħed u tletin nofs proprjetà, ġonna tad-dwieli, ġonna oħra bil-frott u mergħat oħra fir-raħal. Ir-raħal kellu knisja, id-dar tal-qassis, ċimiterju, ħanut tax-xorb, ħanut tal-laħam, mitħna u matmura tal-qamħ. Kull biċċa art hija mmarkata bl-isem ta' min kienet, in-numri miktuba fl-iswed juru n-numru tal-art, u n-numri miktuba bl-aħmar huma n-numru tad-dar.

Mappa Manuskritta ta' Saroltavár (Charlotenburg) ġewwa Banat ta' Temeswar, 1775

Mappa manuskritt fuq il-karta, skala: [1:7000] 500 Kl. [= 13,5 ċm]; 71 x 39 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – S 1 – № 102:1


Te vélke
ABC
ali
Solszka-Vcsenyá
v-zgovárjanyi
A' nagy
ABC
avagy
Oskolai-Oktatások
beszélgetésben
A Tekintetes Nemes Vas
Vármegyében lévő Ven-
dusok számára magyar nyelv
kiterjesztése végett készitette
Lülik Stevani.
Lülik István.

# Ktieb Manuskritt tal-Alfabet Sloven-Ungeriż

Il-ktieb, miktub għal ħabta tal-1833, juri n-natura multi-etnika taċ-ċentru tal-Ewropa.

Il-post u d-data tat-twelid ta' István Lülik (bis-Sloven, Števan Lülik) mhumiex magħrufa. Imma minn waħda mill-ittri tiegħu nafu li huwa għallem f'diversi bliet fir-renju tal-Ungerija; l-ewwel f'Rajka, imbagħad f'Battyánd (illum, Puconci fis-Slovenja) fil-Mura, fejn miet fl-1847.

Fl-1820, huwa għażel u qaleb ktieb tal-alfabet mill-Ġermaniż għall-iskejjel Luterani. B'dan il-ktieb bħala bażi, huwa kiteb mod kontroversjali ktieb għall-iskejjel f'żewġ ilsna, billi uża s-Sloven u l-Ungeriż. Ġew ppubblikati tliet edizzjonijiet biex jintużaw fl-iskejjel Luterani tar-reġjun.

Il-manuskritt, b'mitejn sitta u sebgħin faċċata, fih dizzjunarju Sloven-Ungeriż fuq wara bi tmien mija u erbgħa u disgħin kelma. Eżerċizzju tas-somom fuq paġna 240 jindika li l-ktieb kien miktub fl-1833. Il-ktieb fih tagħrif fuq kif wieħed irabbi t-tfal, ir-relazzjonijiet bejn il-familji, il-biedja u l-agrikoltura, is-snajja', il-kummerċ, it-traffiku, l-ikel, il-bini u t-tiżjin ta' ġewwa. Ta' interess ukoll fil-ktieb huwa l-mod kif l-awtur iqabbel il-kultura Slovena ma' dik Ġermaniża u Ungeriża.

Il-ktieb huwa mitkub bl-alfabet Latin u fih tmien kapitli: Id-Diskors u l-Kitba; Taħdidiet li wasslu għal Għemejjel Tajba; Ix-Xjenzi Naturali u l-Għerf Storiku; Deskrizzjoni tal-Ungerija, inklużi ir-reġjuni ta' Vas u Zala; l-Istorja tal-Vandali u l-Ungeriżi; Deskrizzjoni ta' Snajja' Differenti; 33 Rakkont; Aritmetika.

Waħda mit-temi tal-ktieb hija *Mura March*, li huwa jsejħilha *Szlovenszka kraina* għax in-nies li kienu jgħixu hemm kienu jsejħu lilhom infushom Sloveni *(szloveni)*. Fil-verżjoni Ungeriża tal-ktieb, huwa sejħilhom Vandali *(vandalus)*, minħabba li għexu fl-artijiet li qabel kienu tal-Vandali, ħdejn ix-xmajjar Mura u Rába.

L-ewwel faċċata tal-ktieb tal-alfabet Sloven-Ungeriż ta' István Lülik, ca.1833, Puconci (Ungeriż: Battyánd) (Slovenja)

Ktejjeb, manuskritt fuq il-karta, 276 faċċata; 21 x 26 ċm

L-Arkivju tal-Kontea ta' Vas, Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-VaML – XIV – 59 – 1




Il-petizzjoni *Pro Finlandia*, 1899, maħruġ fi 13-il- pajjiż

13-il edizzjoni fi 13-il lingwa, karta; 39,5 x 29 ċm / 31,6 x 23,2 ċm
L-Arkivji Nazzjonali tal-Fillandja
Referenza: 20982.KA

# Il-Petizzjoni *Pro Finlandia*

Il-Petizzjoni l-Kbira huwa dokument maħluq fil-Fillandja fl-1899, matul l-ewwel tentattiv tar-Russifikazzjoni tal-pajjiż.

Mill-1809, il-Fillandja kienet maħkuma mill-Imperu Russu, bħala l-Gran Dukat il-Kbir tal-Fillandja, bi ftit awtonomija. Qabel dan, il-Fillandja kienet tagħmel parti mill-Iżvezja għal sekli sħaħ. L-Imperatur Russu kien il-Gran Duka tal-Fillandja u kien irrappreżentat mill-Gvernatur Generali.

Ir-Russifikazzjoni tal-Fillandja kienet attentat mill-Imperu Russu biex inaqqas l-awtonomija tal-Gran Dukat tal-Fillandja u jnaqqas l-kultura unika tagħha fiż-żmien bejn l-1899 u l-1905 kif ukoll bejn l-1908 u l-1917. Kienet parti mill-politika ta' Russifikazzjoni tal-aħħar tas-Seklu Dsatax u l-bidu tas-Seklu Għoxrin li prruvat tiġbor flimkien il-minoranzi nazzjonali u etniċi tal-Imperu Russu.

Fl-1899, kienet inbdiet petizzjoni kontra l-Manifest ta' Frar tal-Kżar Nikola II, li bih tneħħa d-dritt tal-ilsien u l-awtonomija Fillandiża. Inġabru aktar minn nofs miljun firma fi ħdax-il jum (għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni Fillandiża).

Wara li l-Kżar naqas milli jaċċetta din il-petizzjoni, saret petizzjoni oħra bl-isem ta' *Pro Finlandia*. Din fiha aktar minn elf firma ta' nies kulturali prominenti minn tnax-il pajjiż Ewropew. Fost dawn wieħed isib il-firem ta' Émile Zola, Frédéric Passy, Rudolf Virchow, Florence Nightingale, Loránd Eötvös, Fridtjof Nansen, Henrik Ibsen and A. E. Nordenskiöld. Għalkemm il-Kżar reġa' rrifjuta li jaċċetta din il-petizzjoni, dan id-dokument juri r-rieda qawwija li kellha l-Ewropa biex tiddefendi l-valuri komuni f'dan iż-żmien ta' prova.

Fl-aħħar, fl-1917, il-Parlament tal-Fillandja addotta d-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza, li biha il-Fillandja saret stat indipendenti.




Kampjun tal-Alfabet Malti propost mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,
22-12-1921, Valletta (Malta)

2 folio, manuskritt fuq il-karta, 21,5 x 21 ċm

L_Arkivji Nazzjonali ta' Malta

Referenza: NAM/EDU/26/1921

# Kampjun tal-Alfabet Malti maħruġ mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti

Dan il-kampjun tal-Alfabet Malti kien propost mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fit-22 ta' Diċembru 1921.

L-ilsien Malti huwa bażikament Semitiku, mitkellem mill-poplu Malti. L-ilsien Malti, l-unika ilsien minn għeruq Semitiċi imma miktub bl-ittri latini, ma kellux alfabet tiegħu u ortografija stabbilita sal-bidu tas-Seklu Għoxrin.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti twaqqfet fl-14 ta' Novembru 1920. Wieħed mill-għanjiet tagħha kien li jissawwar alfabet Malti fuq bażi xjentifika. Erbat ijiem wara, twaqqfet kummissjoni biex tipprepara abbozz ta' alfabet biex jintuża meta jinkiteb il-Malti. Dan l-abbozz kien diskuss u approvat waqt laqgħa ġenerali li saret fit-18 ta' Diċembru 1921; wara s-Segretarju bagħat l-alfabet approvat lill-Kap tal-Ministeru (il-Prim Ministru) fejn intalab biex dan jibda jintuża mill-awtoritajiet.

Wara li l-alfabet kien approvat, l-Għaqda Kittieba tal-Malti bdiet taħdem fuq regoli għall-ortografija tal-alfabet il-ġdid. Is-sistema aċċettata tal-ortografija Maltija kienet introdotta fl-1924.

Imma kien biss fis-sena 1934 li l-ilsien Malti kien rikonoxxut bħala l-ilsien uffiċjali ta' Malta, flimkien mal-ilsien Ingliż. Sa dak iż-żmien, l-Ingliż u t-Taljan kienu l-ilsna uffiċjali.

d Das læ us'tit. Dat læ: đ

har en venn. Det er:

Ris'ten čåk'ká gæđgi al'de ja gåđđá.

Risten sitter på steinen og strikker.

Oainát gå dån nåđo?

Ser du nøstet?



❊

t Das læ us'tit.

har en venn.



Dat læ: ŧ

Det er:

Muottá årro Ruotariikas.

Moster bor i Sverige.

Dá manná ratti Ruttii.

Her går vinter-vegen til Sverige.

41

# It-Tagħlim bl-Ilsien Sámi

Dan id-dokument huwa faċċata mill-ktieb tal-iskola bis-Sámi, intitolat *ABC* (1951), u miktub minn Margarethe Wiig. Kien l-ewwel ktieb għat-tfal Sámi u juri kif kif il-pajjiżi Ewropej bidlu l-politika tagħhom għall-minoranzi wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Magarethe Wiig (1903-2001) kienet mart Alf Wiig, qassis Norveġiż li wara sar isqof. Bejn l-1923 u l-1934 kienu joqgħodu Karasjok (Norveġja), fejn kien kappillan. Karasjok hija fil-qalba tal-pjanura ta' Finnmark, f'nofs il-parti Norveġiża ta' Sápmi (l-inħawi Sámi). Meta Wiig kienet Karasjok, innutat li ma kienx hemm kotba tal-iskola bis-Sámi. Kienet konvinta li *"ktieb tal-ABC msawwar fuq l-ambjent tat-tfal u li juża parzjalment il-lingwa tagħhom huwa xi ħaġa bżonnjuża aktar milli mixtieqa."* Għalkemm mingħajr kwalifiċi, bdiet taħdem fuqu b'ottimiżmu u impenn.

Il-ktieb kien xogħol mogħti mill-Ministeru tal-Knisja u l-Edukazzjoni., li kellu d-dmir li japprova l-kotba tal-iskola. Kellha diversi ġlidiet mal-ministeru. Għal zmien twil kienu kontra l-idea li jkun hemm partijiet bis-Sámi, imma Margarethe Wiig kienet determinata li jkun hemm partijiet bis-Sámi u n-Norveġiż maġemb xulxin sabiex it-tfal Sámi jitgħallmu b'ilsienhom.

Dan il-ktieb tal-ABC kien suċċess kbir. Kien magħruf bħala l-aktar ktieb tal-iskola Sámi importanti. Barra minn hekk kien popolari għax kellu tpenġijiet bil-kulur u sbieħ. Kien jinbiegħ minn ħafna lukandi gewwa Finnmark.

Il-politika tan-Norveġja lejn is-Sámi bejn l-aħħar tas-Seklu Dsatax u s-snin sittin tas-Seklu Għoxrin kienet l-aktar immirata biex dawn ikunu assimilati. Imma wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kien hemm bidla l-attitudni lejn il-poplu Sámi u l-kultura tiegħu, fl-istess żmien ta' twelid mill-ġdid ta' organizzazzjonijiet politiċi tas-Sami. L-użu tal-ilsien Norveġiż flimkien ma' dak Sámi fl-iskejjel huwa eżempju ċar ta' din il-bidla. Għal ħafna snin mis-sena 1880, l-awtoritajiet tal-iskejjel, bl-appoġġ tal-politiċi, irsistew għal politika stretta favur in-Norveġja. Il-kotba kollha tal-iskejjel kienu bl-ilsien Norveġiż, u s-Sámi kien jintuża biss bħala lsien sekondarju biex jgħin lit-tfal żgħar fil-klassi.

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-awtoritajiet ħaddnu lil dawk li kellhom ix-xewqa biex jitilqu l-politika Norveġiża ta' assimilar u biex joħolqu kundizzjonijiet li kienu ħafna aktar ta' għajnuna biex jippromwovu l-ilsien u l-kultura tas-Sámi. Il-Parlament tas-Sámi twaqqaf fl-1989 biex fost oħrajn, jieħu ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ilsien, kultura u s-soċjetà Sámi.

Sámi ABC ta' Margrethe Wiig, 1951, Oslo (Norveġja)

Faċċata minn ktieb stampat bi stampi bil-kulur; 17 x 30 ċm
L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja
Referenza: RA/ S-1057/ Db/ L0034/ 0001









# Għażla mill-Ġabra ta' Ritratti dwar ir-Roma ta' Péter Szuhay

Dawn ir-ritratti jagħtu ħarsa lejn l-istorja tar-Roma Ungeriżi. Huma meħuda mill-ġabra ta' ritratti miġbuda minn Péter Szuhay, antropologu Ungeriż magħruf għar-riċerka tiegħu fis-soċjetajiet rurali moderni fl-Ungerija. Ir-ritratti juru diversi forom ta' twarrib soċjali, segregazzjoni u persekuzzjoni li jgħaddu minnhom ħafna żingari fl-Ungerija u pajjiżi oħra.

Péter Szuhay beda dan ix-xogħol lejn l-aħħar tas-snin tmenin tas-Seklu Għoxrin meta tefa' l-attenzjoni tiegħu fuq l-istorja soċjali u l-ħajja ta' kuljum taż-żingari. Flimkien mad-direttur tal-films Edit Kőszegi, huwa għamel diversi dokumentarji fuq din it-tema, u diversi wirjiet, studji u kotba huma marbuta ma' ismu.

L-għażla ta' Péter Szuhay, ippriservata b'mod diġitali fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija, turi kif ritratti rrappreżentaw tradizzjonalment liż-Żingaru, il-poplu Roma fl-Ungerija. L-ewwel rappresentazzjoni taż-żingari tmur sat-Transilvanja (illum ir-Rumanija); kienu meħuda ġo studio biex isir studju etniku fuqhom, kif wieħed jista' jara fir-ritratti meħuda minn Béla Révész. Fil-bidu tas-Seklu 20, għadd ta' fotografi ħadu ritratti ta' dawn iż-żingari skont kif kienu kunsidrati fil-kultura ta' dak iż-żmien, ġeneralment bħala mużiċisti jgħaxxqu lill-udjenzi bil-mużika tagħhom.

Ħarsa oħra kontra dawn iż-żingari kienet lejn il-figura ta-żingari bħala nies bla kontroll, misterjużi, arroganti u li jħobbu x-xalar, riskju għas-soċjetà, jgħixu ġo gorboġ tal-biża', kważi mod salvaġġ, jekk wieħed kellu jiġġudika skont ritratti minnhom.

Ritratti mill-Uffiċċju Telegrafiku Ungeriż (MTI) meħuda bejn is-snin Sittin u dawn Tmenin juru li ċerti problemi ma' dawn in-nies kienu solvuti, juruhom sejrin l-iskola, jaħdmu u jgħixu fi djar komdi. Imma ħafna żingari xorta waħda sofrew - vulnerabbli, jgħixu fil-faqar, esklużi. Dan wieħed jarah fix-xogħol ta' Tamás Féner, l-aħħar ritratt f'din l-għażla.

Il-parti magħżula mill-ġabra ta' Szuhay tinkludi: serje tal-ġeneru minn Béla Révész (1908); tifla żingara tidħak, (Ungerija, fis-snin Tletin, ritratt ta' Balogh Rudolf); pittura ta' mużiċista (Ungerija, bidu tas-Seklu Għoxrin, ritratt meħud ġewwa studio): Il-wasla tal-basket mibdul (Buzsák, Ungerija 1978); Iż-Żgħir Jani Lázár, tifel tal-iskola tat-tieni klassi jgħin lil Péter Lakatos biex jitgħallem, (Rozsály, Ungerija, 1963); Ġewwa l-foresta fejn jgħixu ż-żingari (Grigal tal-Ungerija fis-snin Sebgħin, ritratt ta' Tamás Féner).

Għażla mill-ġabra ta'ritratti tar-Roma meħuda minn Péter Szuhay,
ca. 1900-1980 (kopja diġitali 2003–2013) (Ungerija, Rumanija)

7 fajls fomat TIF tar-ritratti suwed u bojod oriġinali (kollezzjoni privata); 1536 MB

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija / Kollezzjoni privata

Referenza: HU-MNL-OL-X 10865 (№ 9, № 20, № 28, № 45, № 89, № 94, № 98.)

# 03

# L-Uċuħ Diversi tal-Kristjaneżmu

Il-Kristjaneżmu kellu impatt profond fuq l-istorja tal-Ewropa u ħafna jqisu din ir-reliġjon bħala l-komponent ewlieni tal-wirt kulturali Ewropew. Ħafna jeżaminaw l-istorja tal-Knisja Kristjana aktar milli t-twemmin innifsu, bil-parti l-kbira tas-sorsi jagħfsu fuq l-organizzazzjoni ekklesjastika aktar milli fuq it-twemmin u l-ħsieb.

Id-dokumenti f'din il-wirja jagħtu dawn iż-żewġ perspettivi u juru mumenti tal-istorja tal-Knisja, ir-relazzjoni bejn il-Knisja u l-mexxejja sekulari, il-ħolqien u t-twellija tal-għerf Kristjan, il-bidu tal-btajjel Kristjani u jiftħu wkoll tieqa fuq il-ħajja ta' kuljum ta' dawk li jħaddnu dan it-twemmin.

Għalkemm l-Insara tal-bidu spiss kellhom iħabbtu wiċċhom mal-persekuzzjoni, il-komunità reliġjuża kibret ħafna fl-Imperu Ruman. Skond l-istoriċi, dan is-suċċess kien minħabba t-twemmin Kristjan tal-immortalità tar-ruħ, flimkien mal-prinċipju tal-ugwaljanza. Għal żmien twil, ir-reliġjon Kristjana kellha impatt kbir fuq l-istorja intellettwali u l-politika tal-Ewropa, kif ukoll tad-dinja. L-Armenja kienet l-ewwel pajjiż li għamlet ir-reliġjon Nisranija bħala r-reliġjon tal-Istat fis-sena 301. Dan it-twemmin kien ukoll aċċettat bħala r-reliġjon uffiċjali tal-Imperu Ruman waqt ir-renju ta' Kostantinu I, fil-bidu tar-raba' seklu.

Ħafna pajjiżi fl-Ewropa ikkonvertew għall-Kristjanezmu fil-Medju Evu u l-istorja tal-Istati Ewropej daret madwar il-knejjes Insara minn dak iż-żmien. Il-monarkiji tal-Medju Evu kellhom tendenza li jippromvowu r-reliġjon Kristjana u jagħtu s-saħħa lill-istati Kristjani fit-territorji tagħhom. Dan iż-żmien ra gwerer qaddisa, kif kienu il-Kruċjati bejn il-ħdax u t-tlettax-il seklu, li kienu jsiru biex ikunu protetti ħafna imkejjen Kristjani milli jaqgħu f'idejn il-Misilmin.

Influwenza oħra Kristjana kienet dik tal-Inkwiżizzjoni, li twaqqfet minn Papa Gregorju IX fis-sena 1231. Din damet mijiet ta' snin b'persekuzzjoni u anke tortura kontra l-Lhud u l-Misilmin, kif ukoll kontra numru ta' Kristjani li kienu meqjusa bħala għedewwa tal-Knisja. Din l-Inkwiżizzjoni infirxet għal kontinenti oħra bis-saħħa tal-Kolonjaliżmu. Il-Knisja tal-bidu ħolqot il-kunċett tal-Gwerra Ġusta, li biha sawwret il-bażi loġika għall-intolleranza reliġjuża. Imma jrid jingħad ukoll li l-għorrief Kristjani għandhom storja twila li jilmentaw kontra l-gwerra u l-vjolenza.

Il-Protestantiżmu beda fl-Ewropa fil-bidu tas-Seklu Sittax, bħala opposizzjoni għad-duttrina Kattolika Rumana u l-prattiċi ta' dak iż-żmien. Waħda mill-affarijiet li ċaħad il-Protestantiżmu kienet is-supremazija tal-Papa u tas-sagramenti. Minħabba f'hekk, il-kriżi fir-reliġjon li seħħet fis-Seklu Sittax qajmet kunflitti, firdiet u gwerer mal-Ewropa kollha. It-tradizzjoni tal-ħsieb Protestant ifforma mill-egħruq il-wirt kulturali Ewropew, minn dak iż-żmien.

L-Illuminiżmu, li beda fis-Seklu Sbatax, kellu impatt qawwi fuq il-kultura Ewropea, fil-kamp tal-filosofija, xjenza u politika. Il-ħsibijiet radikali kienu kontra għal ħafna idejoloġiji reliġjużi u filosofiji Kristjani. Minħabba f'hekk, ir-relazzjoni bejn ir-reliġjon u l-istat inbidel fl-era moderna. Imma, kif turi l-istorja, il-modernità u r-reliġjon mhumiex kontra xulxin. Huwa aktar il-każ li l-Kristjaneżmu jiġġedded fis-soċjeta u l-istati ta' llum.



# It-Twaqqif tal-Isptar ta' San Ġwann

Dan id-digriet huwa il-Bulla Papali *Pie Postulatio Voluntatis* (It-Talba mill-Aktar Pija), tal-Papa Baskal II (1050/1055–1118) li ġġib id-data tal-15 ta' Frar 1113. Inħarġet għall-Isptar ta' San Ġwann (illum l-Ordni Militari Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Rodi u Malta). Kienet pass 'l quddiem kbir fl-istorja tal-Isptar ta' San Ġwann għax b'hekk din l-istituzzjoni l-ġdida imwaqqfa mill-Beatu Ġerardu f'Ġerusalemm madwar nofs is-Seklu Ħdax, ġabet l-approvazzjoni tant mixtieqa tal-Knisja.

Madwar is-sena 1048 il-Kalif Fatimida Al-Mustansir Billah ta permess lill-kummerċjanti mir-Repubblika ta' Amalfi biex jibnu sptar ġewwa Ġerusalemm. Din il-komunità li kienet qed tieħu ħsieb l-isptar u mmexxija mill-Beatu Ġerardu, saret indipendenti waqt l-Ewwel Kruċjata madwar is-sena 1099; hawn kien il-bidlu tal-Kavallieri Ospitaljieri.

Ħafna storiċi iqisu din il-Bulla bħala d-digriet għat-twaqqif ta' din l-Ordni, billi bidlet komunita ta' rġiel piji f'istituzzjoni fi ħdan il-Knisja. Bis-saħħa ta' dan id-dokument, il-Papa uffiċjalment irrikonoxxa din l-istituzzjoni l-ġdida bħala parti ntegrali mill-Knisja Kattolika Rumana; huwa formalment irrikonoxxa t-twaqqif tal-Ordni, li saret ordni ta' membri reliġjużi lajċi taħt il-patrunaġġ tal-Knisja biss; il-Bulla tat ukoll id-dritt lill-Ordni biex teleġġi l-Gran Mastri tagħha mingħajr indħil minn awtoritajiet oħra.

Il-Bulla fiha lista tal-isptarijiet u l-ospizji tal-Ordni fi Franza u fl-Italja, u mill-bidu tippreżentaha bħala dimensjoni Ewropea u mhux biss limitata għar-Renju Latin ta' Ġerusalemm.

Pie Postulatio Voluntatis (It-Talba l-Aktar Pija),15-02-1113, Benevento (Italja)

1 folio, manuskritt fuq parċmina; 54 x 42 ċm

Il-Librerija Nazzjonali ta' Malta

Referenza: NLM/AOM/6



# Kodiċi dwar il-Pellegrinaġġ għal Santiago de Compostela

Dan il-kodiċi oriġina fil-Peniżola Iberika matul is-Seklu Tnax. Huwa wieħed mill-eqdem dokumenti li jittratta pellegrinaġġ Ewropew, it-tradizzjoni li wieħed iżur postijiet meqjusa bħala sagri.

Il-*Liber Sancti Iacobi* inġabar madwar is-sena 1140 u kien jikkonsisti f'sett ta' dokumenti fuq diversi suġġetti - liturġiċi, aġjografiċi (l-istudju tal-ħajja tal-qaddisin, l-aktar tal-qedem) u mużikali fost oħrajn – li jikkonċernaw l-Appostlu San Ġakbu u s-santwarju ddedikat lilu ġewwa Compostela.

Dan il-kodiċi huwa meqjus bħala wieħed mill-ifjen dokumenti miġbura, flimkien ma' dak illuminat li jinsab fil-Kattidral ta' Santiago (magħruf bħala l-*Codex Calixtinus*). Ikkupjah Arnaldo de Monte, patri minn Ripoll, matul il-pellegrinaġġ li kien għamel huwa stess lejn Compostela, biex jintuża fil-monasteru tiegħu.

Il-kodiċi fih ħames kotba, flimkien ma' ittra mingħand il-kopjatur Arnaldo de Monte lill-Pirjol u l-kunvent tal-monasteru ta' Santa María de Ripoll. Minn dawn il-ħames kotba li jagħmlu l-*Liber*, li l-aħħar wieħed li jġib l-isem ta' *Iter pro peregrinis ad Compostellam* (It-Triq tal-Pellegrin għal Compostela jew il-Gwida tal-Pellegrin), huwa attribwit lill-patri Franċiż Aymeric Picaud u huwa maħsub biex ikun ta' għajnuna għall-pellegrini li jagħmlu dan il-vjaġġ lejn il-qabar tal-Appostlu. Jagħti tifsira dettaljata tat-triq u jelenka l-isptarijiet li wieħed jista' jkollu jżur; hemm ukoll eżempji ta' pellegrini magħrufa li diġà għamlu dan il-vjaġġ; il-ktieb fih ukoll deskrizzjonijiet ġeografiċi (l-aktar dettaljati huma fil-każ tal-belt ta' Santiago de Compostela); jirrakkonta esperjenzi personali sfortunati u perikolużi biex iservu ta' twissija; jagħti wkoll lista tas-siti sagri u relikwarji li wieħed għandu jżur matul il-vjaġġ.

It-tradizzjoni ta' San Ġakbu jippriedka fi Spanja tmur lura għas-Seklu Sitta. Imma l-iskoperta ta' dak li hu maħsub il-qabar tiegħu ġewwa Galiċja fil-bidu tas-Seklu Disgħa wassal għal moviment ta' pellegrinaġġi li biż-żmien kellu jsir wieħed mill-aktar tliet postijiet importanti tal-Kristjaneżmu ta' Lvant mis-Seklu Ħdax 'l quddiem, flimkien ma' Ruma u Ġerusalemm. Dan kien meta żviluppaw toroq u rotot differenti minn kull rokna tal-Ewropa li jagħtu għal Compostela. Il-*Camino de Santiago* kellu jsir wieħed mill-aktar rotot prinċipali ta' pellegrinaġġi u skambji kulturali matul il-Medju Evu. Dan għen ħafna it-tixrid ta' idejat kulturali u tal-arti Ewropej mal-Peniżola Iberjana.

Il-UNESCO rreġistrat il-*Liber Sancti Iacobi* fil-*Memory of the World Register* għall-valur kulturali u storiku. Minbarra li huwa dokument uniku ta' pellegrinaġġi u tal-storja tal-Knisja, il-*Liber Sancti Iacobi* huwa parti mill-wirt kulturali Ewropew.

Liber Sancti Iacobi, 1173, Monasteru ta' Santa María de Ripoll (Spanja)

Kodiċi, manuskritt fuq il-parċmina, 85 folio (26 l.); 28 x 18 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – L-Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona

Referenza: ES.08019.ACA/3.38.4//ACA,COLECCIONES,Manuscritos,Ripoll,99



# Kummentarju Medjevali fuq il-Ktieb tal-Apokalissi

L-*Apokalissi ta' Lorvão* huwa manuskritt rikk ħafna u mimli disnni minn Lorvão fil-Portugal. F'dan il-manuskritt hemm il-*Kummentarju fuq il-Ktieb tal-Apokalissi* miktub minn Beatu tal-Monasteru ta' Liébana. San Beatu ta' Liébana (c.730 - c.800) kien monaku li għex fil-Monasteru ta' Liébana fit-tramuntana ta' Spanja. Huwa kiteb dan il-Kummentarju fis-sena 776, u reġa biddel u rranġa fih fis-snin 784 u 786. Dan l-*Apokalissi ta' Lorvão* b'dan it-test tlesta fis-sena 1189.

L-Apokalissi ta' San Ġwann jew Il-Ktieb tar-Revelazzjoni huwa l-aħħar ktieb tat-Testment il-Ġdid u jagħti tifsira lid-dehra tal-aħħar tad-dinja midinba, fejn il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin tintemm bir-rebħa ta' Kristu.

Din ir-revelazzjoni minn Kristu lil San Ġwann hija misteru, ma tinftiehemx u għalhekk it-test tal-Apokalissi kellu jkun spjegat u kkummentat b'mod allegoriku, b'kitbiet simboliċi, biex jinftiehem. L-Insara kienu ppersegwitati, umiljati u mwarrba; l-Imperatur Ruman kien meqjus bħala alla u dawk li ma kienux iqimuh kienu mċaħħda mill-bżonnijiet materjali u xi drabi kien jinqatlu martri. Il-Ktieb tar-Revelazzjoni huwa storja profetika simbolika biex taċċerta lill-Insara, u tqawwilhom qalbhom biex jibqgħu fil-fidi. L-użu tal-ilsien simboliku huwa b'tali mod li ma jkunx jista' jifhem minn min mhux Nisrani.

Bis-saħħa ta' dan il-Ktieb, l-Insara emmnu li l-Imperu Ruman fl-aħħar jaqa' u Kristu jiddomina fuq kollox u fuq kulħadd. Id-dragun li naraw hawnhekk huwa s-simbolu tal-ħażen, tal-Imperu Ruman u l-imperi l-oħra, ħlief dak li hu ta' Kristu, li fl-aħħar mill-aħħar ikollhom jaqgħu għalih. It-Testment il-Qadim huwa wirt tal-Lhud, 'il-poplu t'Alla' li għad irid jiret id-dinja. L-Apokalissi imur 'l hinn minn hekk, billi juri d-destin tal-popli kollha.

L-*Apokalissi ta' Lorvão* fih numru kbir ta' illustrazzjonijiet. Waħda mill-aktar elaborati – it-tkabbir u l-ħsad – turi lil Kristu bħala Imħallef bil-kuruna fuq rasu, bil-minġel f'idejh, jipprepara biex jaħsad il-qamħ mill-art niexfa u avvelenata bid-dnub. Fl-Iskrittura, il-ġudizzju t'Alla huwa mqabbel maż-żmien tal-ħsad. Il-ħsad huwa simbolu tal-qerda sħiħa tal-bniedem li mar kontra r-rieda ta' Alla, il-ħsad li sar bil-minġel tal-ġustizzja tiegħu. Jidher anġlu bil-minġel f'idu u jaqta' l-qasab avvelenat mill-bniedem u jixħtu fil-magħsra tal-korla t'Alla, fejn dan l-istess qasab kien mgħaffeġ u magħsur. Din it-tpinġija fiha elementi anakronisti miż-żmien ta' meta saret – dawn jinkludu elementi agrikoli (imnieġel u qfief), l-ilbies ta' dawk li kienu qed jaħsdu, l-għenieqed tal-għeneb imxebilka u Kristu liebes kbir kappell tat-tibna.

Apokalissi ta' Lorvão, 1189, Monasteru ta' Lorvão (Portugall)

Kodiċi tal-parċmina b'illustrazzjonijiet bil-kulur, 221 folio; 35,5 x 26 x 8,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall - Torre do Tombo

Referenza: PT/TT/MSML/B/44



# Digriet ta’ Privileġġ tal-Monasteru ta’ Břevnov

Id-Digriet tal-Privileġġ tal-Monasteru ta’ Břevnov sar fl-1224 u juri r-rwol importanti li kellhom il-monasteri fl-istorja tal-Ewropa. Fil-Medju Evu, il-monasteri kellhom funzjoni kbira u meħtieġa ħafna f’oqsma bħall-edukazzjoni, il-kultivazzjoni tal-art agrikola, il-kura pastorali u d-diplomazija. Familji fil-poter kienu ħerqana biex jistabbilixxu istituzzjonijiet tajbin u sinjuri biex iserrħu fuqhom.

Il-Monasteru ta’ Břevnov huwa abazija Benedittina fid-distrett ta’ Břevnov fi Praga, il-belt kapitali tar-Repubblika Ċeka. Fil-bidu, Břevnov kien stat għalih. Kien promoss għal-kapitali fl-1907 u sar parti minn Praga fis-sena 1921.

San Adalbertu, it-tieni Isqof ta’ Praga, kien dak li waqqaf dan il-Monasteru fis-sena 993. Kien l-ewwel Monasteru Benedittin għall-irġiel fuq l-artijiet tal-Kuruna tal-Boemja fiċ-Ċekja.

Dan il-monasteru kellu rwol importanti fl-istorja tal-Knisja tal-Lvant u taċ-ċentru tal-Ewropa, li wassal għat-twaqqif ta’ monasteri filjali ġewwa Broumov u Police fit-tramuntana tal-Boemja. Il-Monasteru huwa wkoll magħruf għall-produzzjoni tal-ewwel birra, il-birrerija tal-Monasteru ta’ Břevnov fiċ-Ċekja.

Digriet ta’ Privileġġ tal-Monasteru ta’ Břevnov, 24-06-1224, Praga (Repubblika Ċeka)

Parċmina b’5 siġilli imdendla (qisien differenti); 45 x 56 ċm – 2,2 ċm
L-Arkivji Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka
Referenza: CZ NA ŘBB Inv. No. 10



Att tal-għotja tal-Kalċi Mqaddes li jinsab fil-monasteru ta' San Juan de la Peña lir-Re Martin I ta Aragona, 26-09-1399, Barċellona? (Spanja)

Manuskritt fuq parċmina, 31,5 x 44,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – L-Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona

Referenza: ES.08019.ACA/9.1.3.9.-1//ACA,CANCILLERÍA,Pergaminos,Martín I,Carp.323,136

# Il-Kalċi Mqaddes

Id-digriet Spanjol li jġib id-data tal-1399 huwa ta' importanza kbira, kemm ekklesjastika kif ukoll storika. Fih jirreġistra il-wasla ta' kalċi magħmul mill-ġebel għand ir-Re Martin I ta' Aragona, liema kalċi kien jinsab fil-Monasteru ta' San Juan de la Peña u li minn żmien is-Seklu Tnax kien meqjus bħala l-Gral Imqaddes. Fit-tradizzjoni Kristjana, il-Kalċi jew Gral Imqaddes kien il-kalċi ntuża minn Ġesù Kristu biex qassam l-inbid waqt l-Aħħar Ċena. Dan il-kalċi twassal mill-pirjol tal-monasteru u l-Arċisqof ta' Ateni, li r-re kien ikkummisjona biex jakkwista ħalli jitpoġġa fil-kappella tiegħu. Bħala ringrazzjament, ir-re offra lill-monasteru kalċi tad-deheb. Din l-offerta kienet awtorizzata mis-segretarju rjali fis-26 ta' Settembru tas-sena 1399.

Għall-bidu, dan il-kalċi kien mgħasses, flimkien ma' għadd ta' relikwi oħra fil-kappella tal-Palazz Irjali ta' Barċellona. Aktar tard, fl-1437, numru kbir minn dawn ir-relikwi, fosthom dan il-kalċi, kienu mogħtija mir-Re Alfonsu V lill-Kattidral tal-Valenzja bħala garanzija għal self biex jiffinanzja l-kampanji militari tiegħu fl-Italja. Dan il-kalċi għadu hemm sa llum, miżmum f'kappella tal-Kattidral, fejn ħafna pellegrini li jkunu fuq pellegrinaġġi imorru jarawh.

Fl-1982, il-Papa San Ġwanni Pawlu II iċċelebra l-quddiesa b'dan il-Gral Imqaddes, kif għamel ukoll Papa Benedittu XVI f'Lulju tas-sena 2006 waqt il-quddiesa tal-egħluq tal-Ħames Laqgħa Mondjali għall-Familji li saret ġewwa Valenzja,meta huwa ddeskrivih bħala "il-kalċi l-aktar famuż" - *"hunc praeclarum Calicem."*

Is-sinifikat tiegħu huwa msejjes għall-fatt li huwa wieħed mill-ftit kalċijiet Imqaddsa li għadhom jeżistu ġewwa l-Ewropa.


IN HOC ORNATISSIMO VO
LVMINE CONTINETVR EX
POSITIO NICOLAI DELYRA
SVPER BIBLIAM INCIPIEN
DO A PRIMO LIBRO VSQVE
AD QVĪTVM QVĒ ADMODV̄
HIC I ERIVS NOTABITVR
EXPOSITIO IN EPISTOLAM
S. HIERONIMI AD PAVLINV̄
EXPOSITIO IN GENESIM
EXPOSITIO IN EX DVM
EXPOSITIO IN LEVITICVM
EXPOSITIO IN NVMEROS
EXPOSITIO ĪDEVTERONOMIV̄

# Il-Bibbja ta' San Ġlormu: *Il-Vulgata*

Dan id-dokument bil-Latin huwa magħruf bhala l-Bibbja ta' San Ġlormu. Huwa imqassam b'dan il-mod: prologu mit-traduttur, San Ġlormu; Il-Profeti (jew Kummenti) minn Nikola ta' Lira; il-Bibbja; Żjieda u Repliki minn awturi diversi.

San Ġlormu (Eusebius Sophronius Hieronymus, c. 347 - 420) kien saċerdot u teologu li qaleb għal-Latin il-parti l-kbira tal-Bibbja fis-sena 382 WK. It-traduzzjoni tiegħu, li tinsab hawnhekk, biż-żmien bdiet tissejjah il-Vulgata.

Il-Vulgata kienet il-verżjoni uffiċjali bil-Latin tal-Bibbja stampata sa mill-bidu fis-Seklu Sittax, u rikonoxxuta mill-Knisja Kattolika waqt il-Kunsill ta' Trentu (1545-1563). L-edizzjoni Klementina tal-Vulgata (1592) imbagħad saret il-Bibbja użata fir-Rit Ruman sas-sena 1979, meta il-Vulgata l-Ġdida (*Nova Vulgata*) daħlet fis-seħħ.

Ftit nafu fuq l-istorja ta' dan il-Kodiċi. F'April tas-sena 1494, Clemente Sernigi, kummerċjant minn Firenze, ikkummisjona Bibbja flimkien ma' volum tas-Sentenzi ta' Pedro Lombardo permezz ta' att nutarili ma' Vante Gabriel de Atavante.

Aktar tard, il-Bibbja ta' San Ġlormu kienet mogħtija lill-Monasteru ta' Santa Maria de Belém tal-Ordni ta' San Ġlormu fil-Portugal. Matul l-ewwel invażjoni ta' Napuljun fil-Portugal, it-truppi tiegħu immexxija mill-Ġeneral Andoche Junot ħadu dan id-dokument lejn Franza fl-1808. Wara l-waqgħa ta' Napuljun, ir-Re Lwiġi XVIII reġa' ta din il-Bibbja lil Portugal fis-sena 1815, u reġgħet sabet ruħha għand l-Ordni ta' San Ġlormu, il-*Jerónimos*. Din hija tipika ta' uħud mill-kodiċi tal-Medju Evu, li jispiċċaw fi stejjer avventurużi.

*Il-Bibbja ta' San Ġlormu,* volum 1, 1495, Liżbona (Portugall)

Parċmina ta' vellum b'illustrazzjonijiet bil-kulur, 516 folio; 40,8 x 28,3 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall - Torre do Tombo

Referenza: PT/TT/MSMB/A/L67



# Il-Quddiesa ta' San Olav

Dan id-digriet medjevali mis-Seklu Ħmistax jagħti ħarsa ċara u ħajja fuq l-istorja tal-Knisja tal-Ewropa ta' Fuq.

Sfortunatament, dan id-diġriet illum jinsab fi frammenti. Huwa kien wieħed minn madwar sitt elef biċċa parċmina tal-missalli Kattoliċi li tqattgħu f'biċċiet żgħar wara r-Riforma u kienu użati għall-legatura tal-kontijiet li kienu jaslu għand il-Gvern ta' Copenhagen mill-awtoritajiet Norveġiżi, l-aktar fis-Seklu Sbatax. Fis-Seklu Dsatax, l-arkivji kienu ttrasferiti għall-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja, fejn dawn il-frammenti kienu mifruda minn mal-kontijiet u miżjuda mal-kollezzjonijiet tal-Arkivji Nazzjonali bħala frammenti.

Dan il-manuskritt huwa eżempju uniku tal-ħolqien tal-poeżija u mużika waqt perjodu ftit dokumentat fl-istorja tan-Norveġja. Huwa parti minn quddiesa ddedikata lil San Olav fil-festa tiegħu, *Olsok*. Ir-re Olav II Haraldsson tan-Norveġja kien meqjus bħala r-Re Etern tan-Norveġja *(Rex perpetuus Norvegiae)*. Tradizzjonalment, din il-festa tkun iċċelebrata fid-29 ta' Lulju, meta titfakkar il-mewt tiegħu fil-Battalja ta' Stiklestad fin-Norveġja fis-sena 1030. Skont il-Kronika tal-Anglosassani fl-1030, huwa nqatel min-nies tiegħu stess waqt il-battalja.

Olav II kien ikkanonizzat mill-isqfijiet lokali fis-sena 1031, bil-Papa Alessandru III jikkonferma din il-kanonizzazzjoni lokali fis-sena 1164. L-anniversarju tal-mewt u l-martirju ta' San Olav kien mezz ta' ċelebrazzjonijiet tal-Knisja fir-reġjun Nordiku u f'partijiet oħra tal-Ewropa ta' Fuq. Is-sekwenza *Lux illuxit*, li ħafna minnha hija magħmula minn għanjiet Norveġiżi u Skandinavi, inkitbet għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, probabilment fit-tieni nofs tas-Seklu Tnax.

Is-sekwenza hija eżempju rari tal-liturġija bikrija lokali fin-Norveġja. Turi kemm il-kuntatt qawwi li kien hemm bejn il-liturġija tal-Knisja Norveġiża u dik Ewropea, kif ukoll il-ħajja tal-Knisja. Id-dokument juri wkoll il-post kbir li San Olav kellu fil-kuxjenza lokal matul is-sekli wara l-wasla tal-Kristjaneżmu fin-Norveġja.

Il-Quddiesa ta' San Olav, Seklu 15

1 folio, framment, manuskritt u neume (notament mużikali) fuq parċmina; 21 x 30 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: EA-5965 Il-Kollezzjoni ta' Karti Medjevali fl-Arkivji Nazzjonali, F27 Frammenti bil-Latin, 2462


7 Julio de 1531.

La Reyna

Don Gomez de Benavides mariscal de Fromesta ya sabeis como el Emperador

FRIAS 21/70
A. H. N.
NOBLEZA

# Ittri Privati dwar id-Diet ta' Augsburg

Dawn l-ittri, miktuba fis-sena 1531, jagħtu ħarsa lejn ir-Riforma Protestanta u l-Kontro-Riforma fl-Ewropa. Isabella tal-Portugall, l-Imperatriċi tal-Qronfla, kitbet lil Marixxall Gomez de Benavides, Lord ta' Fromista, dwar l-isforzi kbar li kien qed jagħmel żewġha Karlu V biex il-Luterani jerġgħu iduru lejn il-Knisja Kattolika. Isabella kienet tagħmilha ta' Reġġent fi Spanja sakemm żewġha kien ikun barra mill-pajjiż idur l-Ewropa bejn l-1529 u l-1533.

Fl-istess ħin, Karlu V (1500-1558) kien l-Imperatur tal-Imperu Qaddis Ruman, Re ta' Napli, Sqallija u Sardenja, Re tar-Rumani kif ukoll Re ta' Kastilja u Aragona, Arċduka tal-Awstrija u Ħakkiem tal-Olanda. Il-Moviment tar-Riforma kellu impatt qawwi fuq ir-renju ta' Karlu bħala imperatur minħabba t-twemmin tiegħu li l-Knisja u r-Reliġjon Kattolika kienu żewġ elementi importanti ħafna biex iżomm l-imperu tant kbir tiegħu magħqud flimkien. Għalhekk, huwa deher bħala l-protettur tal-Kristjaneżmu u l-Knisja Kattolika u kellu rwol qawwi ħafna fil-ġlieda kontra il-qawma tal-Protestantiżmu.

Fis-sena 1530, Karlu sejjaħ id-Diet ta' Augsburg, il-laqgħa tal-Imperu Qaddis Ruman, biex il-pajjiżi kollha jerġgħu iduru lejn il-Kattoliċiżmu. Id-Diet falliet milli tilħaq l-għanjiet tagħha, u dan wassal biex Papa Pawlu III jlaqqa' il-Konċilju ta' Trentu. Dan il-Konċilju sar fit-tramuntana tal-Italja bejn l-1545 u l-1563.

Kien hawn li Martin Luteru, il-fundatur tar-Riforma, kellu jħabbat wiċċu ma' żewġ potenzi qawwija ta' dak iż-żmien, il-Knisja Kattolika u l-Imperatur tal-Imperu Qaddis Ruman.

Ittri tal-Imperatriċi Iżabella tal-Portugall lill-Marixxal Gomez de Benavides, dwar l-isforzi ta' Karlu V biex il-Luterani jirritornaw lejn il-Knisja Kattolika u dwar d-Diet ta' Augsburg, 07-07-1531, Ávila (Spanja)

2 folio, manuskritt fuq il-karta; 28,5 x 21,5 ċm

L-Arkivji NAzzjonali ta' Spanja – l-Arkivju Storiku tan-Nobbiltà

Referenza: ES.45168.AHNOB/2.12.5.5//FRIAS,C.21,D.70


PEREGRINATIONIS DIVI PAVLI TYPVS COROGRAPHICVS.
MARE MEDITERRANEUM
MARE IONIVM
MARE TYRRHENVM
SEPTENTRIO
MERIDIES
ORIENS.
OCCIDENS.
PONTVS EVXINVS
AFRICA PROPRIA.
CYRENE.
MARMARICA.
AEGYPTVS.
ARABIAE FELICIS pars.
MESOPOTAMIA
ARMENIA
MAIOR
DACIAE PARS
QVONIAM IGITVR SCIMVS ET PERSVASVM HABEMVS, QVOD QVAMDIV IN CORPORE HABITAMVS, PEREGRINAMVR A DOMINO; PER FIDEM ENIM AMBVLAMVS ET NON PER VISVM. PROPTEREA CONFIDIMVS ET PEROPTAMVS PEREGRINARI A CORPORE, ET ESSE APVD DOMINVM NOSTRVM. SATAGIMVS AVTEM SIVE PEREGRINI SVMVS SIVE INCOLAE VT ILLI PLACEAMVS.

# Mappa Kronoloġika tal-Vjaġġi ta' San Pawl

Din il-mappa saret minn Abraham Ortelius (1527–1598) fl-1579. Ortelius, mid-Dukat ta' Brabant fl-Olanda, kien kartografu u ġeografu li għamel l-ewwel atlas modern, it- *Theatrum Orbis Terrarum* (it-Teatru tad-Dinja). Huwa meqjus bħala l-fundatur tal-kartografija u l-ġeografija fl-Olanda, kif ukoll fl-Ewropa.

Pawlu ta' Tarsu – l-Appostlu San Pawl – huwa figura importanti fil-Kristjaneżmu tal-bidu u l-Ittri tiegħu jiffurmaw parti kbira u importanti tat-Testment il-Ġdid. Il-mappa turi il-vjaġġi li għamel San Pawl bejn Sqallija u r-reġjuni tal-Lvant tal-Mediterran. Huwa maħsub li ġab il-Kristjaneżmu fi Sqallija meta żar Malta u Sirakuża fis-sena 59WK, kif hemm dokumentat fil-Bibbja, fl-Atti tal-Appostli.

Il-mappa fiha żewġ disinni dekorattivi fuq kull naħa tat-titlu, il-konverżjoni fuq in-naħa tax-xellug u n-nawfraġju tal-qaddis ġewwa Malta fuq in-naħa tal-lemin. Fit-tabella isfel hemm silta mill-Ittra lill-Korintin. Mappa bħalha dehret ukoll fil-*Theatrum Orbis Terrarum* ta' Ortelius, imsemmi aktar 'l fuq, li kien ippubblikat fis-sena 1570.

Id-dokumenti, mill-aqwa żmien tal-kartografija fl-Olanda, juri b'mod ċar waħda mill-ħoloq bejn l-istorja tax-xjenza u l-Kristjaneżmu fl-Ewropa.

Peregrinationes divi Pavli / Typvs corographicus (Mappa Kronoloġika tal-Vjaġġi ta' San Pawl), 1579

1 folio, mappa stampata fuq il-karta; 60 x 80 ċm

Heritage Malta

Referenza: Inventory No. 31665-60



# Offerta ta' Spjunaġġ fuq l-Imperu Tork u dak Persjan

Il-Patrijarka Kattoliku tal-Armenja, David IV Vagharsapat (1590–1629) bagħat din l-ittra lil Filippu III (1578–1621), Re ta' Spanja, li fiha ta spjega tas-sitwazzjoni u offra biex iservi lil Spanja bħala aġent sigriet fid-dominju tal-Persja u t-Turkija. (Il-Knisja Kattolika tal-Armenja hija waħda mill-Knejjes tal-Lvant li bħala Kap tagħha għandha l-Isqof ta' Ruma, u tuża r-Rit u l-ilsien Armen fil-liturġija tagħha).

Matul ir-renju ta' Filippu III kien hemm preżenza Armena qawwija ħafna fi Spanja minħabba s-sitwazzjoni politika u reliġjuża fil-pajjiż. Il-Gwerra Ottomana-Safavid (1578–1590), bejn il-Persja u l-Imperu Ottoman kellha effett kbir fuq il-Ġorġja, l-Armenja u l-Kurdistan, tant li l-popolazzjoni indiġena Kristjana flimkien mal-ġerarkija, intbagħtu fl-eżilju, b'ħafna jispiċċaw fl-Italja u fi Spanja.

Parti kbira tal-popolazzjoni tal-Armenja kienet deportata għaċ-ċentru tal-Persja meta bdiet il-ħakma ta' Yerevan mill-Abbas I tal-Persja (1571–1629) madwar is-sena 1604. Il-Patrijarka David IV u saċerdoti oħra kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali ta' dawk deportati fil-pajjiż il-ġdid tagħhom, Djulfa ta' Isphahan il-Ġdida. (Djulfa ta' Isphahan il-Ġdida hija kwartier Armen ta' Isfahan fl-Iran). Kien hawnhekk li David IV kiteb din l-ittra lil Filippu III fl-1614.

Bħala tpattija jekk jispijja fuq l-Imperu Tork u dak Persjan, David IV staqsa għal għajnuna ekonomika għall-Knisja tal-Lvant, flimkien ma' sostenn politiku għalih fil-ġlieda għar-rilevanza reliġjuza tal-Knisja Armena.

L-ittra tixħet dawl fuq l-istorja tal-kunflitti reliġjużi inqas magħrufa matul il-Perjodu Modern Bikri, kif jidhru mill-perspettiva tal-Knisja Kristjana tal-Lvant.

Ittra mill-Patrijarka Armen, David IV Vagharsapat, lil Filippu III, Re ta' Spanja, fejn jistqarr il-fidi tiegħu u joffri lil Spanja li jservi ta' agent sigriet fid-dominji tal-Persja u t-Turkija, 1614, Isfahán (Iran)

1 folio, karta tar-ross, manuskritt b'linka ta' diversi kuluri; 93 x 37 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju Ġenerali ta' Simancas

Referenza: ES.47161.AGS/3.5.4//EST,LEG,2709,143


VI Christian den Fierde/ met Guds Naade/ Danmarckis / Norgis / Wendis oc Gottis Konning/ Hertug udi Slesuig/ Holsten/ Stormarn oc Ditmersken / Greffue udi Oldenborg oc Delmenhorst / etc.

Giffuet paa Vort Slot Kiøbenhaffn / den 12. Octobris, Anno 1617. Vnder Vort Signet.

Christian.

Digriet Irjali dwar il-kaċċa għas-sħaħar, 12-10-1617, Copenhagen (Danimarka)

1 folio, stampat fuq il-karta u siġillat; 30 x 22 ċm

L-Arkivju Nazzjonali tan-Norveġja – Arkivju Reġjonali ta' Stavanger

Referenza: SAS/ A-101870/ Oa/ L0002/ 0002, nr. 38

# Digriet Irjali dwar il-Kaċċa għas-Sħaħar

Il-liġijiet ta'diversi stati Ewropej matul il-Perjodu Modern Bikri kienu influwenzati sewwa mill-Kristjaneżmu u l-Knisja. Id-Danimarka u n-Norveġja ma kienux neqsin minn dan, kif naraw f'dan id-digriet irjali fuq it-tfittxija għas-sħaħar.

Fis-sena 1617, f'egħluq taċ-ċentinarju mir-Riforma, Christian IV (1577-1648), ir-Re tad-Danimarka u n-Norveġja, ħareġ digriet li bih waqqaf il-maġija. Ir-Re, bħal kulħadd, kien jemmen fl-eżistenza tal-maġija u s-seħer. Id-digriet magħruf bħala L-Ordinanza dwar is-Seħer, fuq is-sħaħar u sħabhom, imur mal-awsterità spiritwali li kienet bdiet mill-istat u mill-Knisja. Iċ-ċentinarju tar-Riforma serva bħala mument tajjeb għall-Knisja u r-Re biex terġa tidħol il-moralità Kristjana u biex iqawwu l-ġlieda tagħhom kontra, dik li kienu jqisu, bħala t-triq il-ħażina li kienu qabdu l-popli tagħhom.

Id-digriet ġab miegħu prosekuzzjoni sħiħa kontra l-maġija, li sa dakinhar kienet meqjus bħala mistier li ma kienx perikoluż u li kien ifejjaq lill-poplu u lill-bhejjem mill-mard. Imma issa kien determintat li dan kien kollu kontra l-Liġi ta' Alla. kif ukoll meqjusa bħala l-ewwel pass għat-triq li tieħu għand ix-xitan. Fid-digriet, l-awtoritajiet wissew li mhux biss il-maġija perikoluża (*maleficium* jew il-maġija s-sewda) huwa att kriminali imma anke l-maġija l-bajda, li ma kenitx ikkunsidrata perikoluża għal oħrajn. Dan kollu ġab il-liġi sekulari fuq l-istess linji tal-Knisja fil-mod kif kienet tħares lejn il-maġija l-bajda.

Id-digriet għamel differenza bejn il-maġija l-bajda u dik sewda fejn jidħol il-kastig. Filwaqt li dawk li kienu jipprattikaw il-maġija l-bajda kienu kkastigati b'mod ekonomiku u ġew itturufnati, dawk li pprattikaw il-maġija s-sewda jew is-sħaħar li kienu għamlu patt max-xitan, kellhom ikunu maħruqa. Id-digriet ikkastiga wkoll lil dawk il-klijenti li talbu pariri mingħand dawn is-sħaħar. Barra minn hekk, uffiċjali tal-istat kienu ordnati biex jieħdu passi kontra sħaħar jew klijenti li kienu jafu bihom.

Huwa stmat li kien hemm madwar elfejn każ ta' maġija li ttellgħu l-qorti fin-Norveġja fis-Sekli Sittax u Sbatax. Madwar 350 kienu maqtula, ħafna minnhom maħruqa. L-aħħar piena kapitali għall-maġija fin-Norveġja ngħatat fl-1695. Diversi każijiet ta' maġija inġiebu quddiem il-qorti fis-Seklu Tmintax, imma ħadd ma kien ikkundannat għall-mewt.


C. P. D.
AUGUSTISSIMÆ
PATRONÆ HUNGARIÆ
QUÆSTIONES PROOEMIALES,
DE NATURA, ET OBJECTO LOGICÆ

# It-Teżi fuq il-Ħarir ta' Antal Pál Draskovich

Antal Pál Draskovich of Trakostyán (1668–1693) kien membru ta' familja nobbli Ungeriża b'egħruq Kroati. Ir-rakkont tal-ħajja qasira tiegħu juri l-edukazzjoni tan-nobbli fl-Ewropa Ċentrali matul dak iż-żmien.

Missieru kien il-Prim Imħallef Miklós Draskovich fir-Renju tal-Ungerija, li kellu t-tieni l-ogħla kariga fost id-dinjitarji ewlenin ta' dan il-pajjiż. Miklós Draskovich inqatel fi Vjenna minħabba l-involviment tiegħu fil-kumplott ta' Wesselényi kontra l-Ħabsburgi, attentat biex iwaqqgħu ir-renju tad-dinastija tagħhom fl-Ungerija u fil-Kroazja. Omm Pál Draskovich kienet Krisztina Nádasdy, ġejja minn żewġ familji nobbli u b'saħħithom ħafna.

Antal Pál irċieva edukazzjoni Kattolika rigoruża, studja fl-Università ta' Nagyszombat, li kienet imwaqqfa fl-1635 u aktar tard saret l-aqwa università fir-renju tal-Ungerija. (Illum Nagyszombat hija Trnava, Slovakkja.) Fl-università, minbarra korsijiet bażiċi fil-filosofija u fl-arti – loġika, fiżika u metafiżika – l-istudenti kienu jattendu wkoll għal korsijiet tat-teoloġija jew tal-liġi. Biex jimxu mal-prinċipji edukattivi ġodda introdotti mill-Ġiżwiti, l-emfasi primarjament kienet fuq it-tagħlim empiriku fl-edukazzjoni. Għalhekk, kemm l-għerf kif ukoll l-oratorija, il-mod kif wieħed jippratika kif jiddiskuti fil-pubbliku, kellhom parti importanti ħafna waqt l-eżamijiet.

Fuq il-folju tat-teżi ta' Antal Pál Draskovich's hemm lista ta' sitt oqsma, fejn huwa jispjega is-suġġett u juri l-importanza tal-loġika. Dan it-test stampat fuq drapp tal-ħarir fih tiżjin rikk ħafna u stampi ta' fjuri magħmulin bl-idejn, kif ukoll tpinġija tal-arma tal-familja Draskovich. Dawn il-folji dekorattivi tat-teżi (il-parti l-kbira stampati fuq karta, kultant fuq il-parċmina jew fuq il-ħarir) kienu meħuda fil-post fejn kien isir l-eżami, wara li kienu jkunu mibgħutha lil dawk li kienu jkunu mistiedna għall-eżami.

Probabilment din il-paġna mit-teżi kienet magħmula għal Palatine Pál Esterházy, iz-ziju ta' Antal Pál, li kellu setgħa kbira.

It-teżi ta' Antal Pál Draskovich, 09-02-1686, Trnava (Ungeriż: Nagyszombat) (Slovakkja)

1 folio, ħarir, kulurit u stampat, 51 x 77 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – P 125 – № 11961


NOS
MARIA
THE
RESIA

# Id-Driegħ tal-Lemin Imqaddes

Id-driegħ tal-lemin mummifikat ta' San Stiefnu I, l-ewwel Sultan tal-Ungerija (997-1038) huwa wieħed mir-relikwi nazzjonali l-aktar sinifikanti tal-Ungerija, li nstab meta infetaħ il-qabar tiegħu fis-sena 1083.

Din ir-relikwa kienet onorata permezz ta' dan id-digriet minn Maria Tereża, Arċidukessa tal-Awstrija, Sultana tal-Ungerija u l-Boemja u – bħala mart l-Imperatur Qaddis Ruman Franġisku I – Imperatriċi li ħakmet fuq l-Ungerija għal erbgħin sena sħaħ (1740-1780). Matul il-ħakma tagħha, hija daħħlet diversi miżuri importanti, fosthom riformi fl-oqsma tal-ekonomija, tal-edukazzjoni u tal-kultura. F'dan id-digriet hija tispjega kif din ir-relikwa għandha tkun rispettata.

Dan id-driegħ mummifikat ra xi ftit avventuri! Fi żmien l-okkupazzjoni Torka, spiċċa Dubrovnik (jew Ragusa ġewwa l-Kroazja) għand il-patrijiet Dumnikani, u ġibed numru sabiħ ta' pellegrini lejn din il-belt. Maria Tereża innegozjat ir-ritorn fl-1771, billi offriet lil din il-belt storika ta' Ragusa il-protezzjoni tagħha kontra it-theddida tal-invażjoni Russa.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, ir-relikwa kienet moħbija – kif kienu moħbija wkoll il-ġojjellli tal-kuruna - qrib Salzburg fl-Awstrija. Ir-relikwija reġgħet inġabet lura fl-Ungerija fl-1945, u ilha għall-wiri fil-Bażilika ta' San Stiefnu ġewwa Budapest mis-sena 1987.

Ir-Reġina Maria Tereża tonora l-Imqaddes Driegħ tal-Lemin tar-Re San Stiefnu,
07-08-1772, Vienna (Awstrija)

Kodiċi tal-parċmina (bis-siġill kbir u sigriet Ungeriż), 11-il faċċata; 24 x 34 ċm magħluq,
49 x 34 ċm miftuħ, diametru tas-siġill fil-kaxxa: 10 ċm (barra l-kaxxa: 8 ċm)

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – C 90 – № 11


N°2.
17.B

# Pjanta ta' Kappella Qabar f'Malta

Dokument mill-1872 li huwa l-pjan ta' Kappella Qabar fiċ-Ċimiterju ta' Maria Addolorata f'Malta. Jixħet dawl fuq il-mod kif kien isir id-dfin tal-Insara, u f'dan il-każ l-introduzzjoni ta' ċimiterji oħra barra l-belt jew raħal fin-nofs tas-Seklu Tmintax.

Ir-reliġjon Nisranija, waqt li tippriedka il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet u l-qawmien tal- tal-ġisem, saħqet dejjem li l-kadavri tal-fidili għandhom ikunu ttrattati b'rispett u dinjità, kif ukoll ikunu midfuna f'postijiet sikuri u xierqa. L-Insara dejjem emmnu li bis-saħħa tal-Magħmudija, il-ġisem jinbidel u jqum għall-ħajja ta' dejjem fl-aħħar taż-żminijiet. L-Insara ftit li xejn kellhom bżonn li 'jikkalmaw' lill-mejtin tagħhom li kienu jsiru erwieħ infeliċi, kuntrarju għall-ġirien tagħhom. Dawk li ma kienux Insara dejjem osservaw il-kalma fil-funerali Kristjani u kif kienu jidfnu b'mod rispettuż, anke lil min kien l-aktar fqir. Aktar minn hekk, il-Kristjani kienu jirrifjutaw il-kremazzjoni u pprattikaw id-dfin mill-bidu taż-żminijiet.

Matul it-tieni nofs tal-ewwel millenju, ħafna oqbra bdew jinbtu fil-knejjes u fuq l-art ta' madwarhom. Dan il-proċess ifforma il-Kristjaneżmu tal-Punent, bil-ħajjin u l-mejtin isiru komunità waħda, 'jaqsmu bejniethom' spazju komuni. Dawn l-iżviluppi ħallew effett qawwi fuq il-mod kif il-Punent tal-Ewropa ingħaqad aktar madwar ritwali simili milli strutturi komuni politiċi. Sakemm il-mewt ma kenitx minħabba xi pesta jew xi mard infettiv, l-akbar għażla tal-Maltin kienet għal dfin fil-knejjes u l-kappelli li kienu jinsabu madwar il-belt jew raħal. L-introduzzjoni ta' ċimiterji barra l-knejjes u l-kappelli fin-nofs tas-Seklu Dsatax f'Malta ħolqot kontroversja kbira. Il-knisja kienet bil-qawwa kollha kontra kemm il-prinċipju li jitwaqqfu cimiterji barra l-konfini tal-knejjes tal-lokal.

Din il-bidla ġiet minħabba rapport fuq ir-riskju għoli għas-saħħa minħabba d-dfin kontinwu fil-knejjes madwar il-port, kif ukoll minħabba l-fatt li l-art fejn kien isir id-dfin tal-Protestanti kienet imtliet. Din il-problema issolviet f'Malta billi ddaħħlet fis-seħħ l-Ordinanza dwar id-Dfin f'Mejju tas-sena 1869 biex jieqaf id-dfin ta' katavri fil-ħamest ibliet madwar il-port (il-Belt, il-Furjana, il-Birgu, l-Isla u Bormla), l-aktar partijiet f'Malta fejn kien hemm popolazzjoni kbira. Iċ-Ċimiterju tal-Addolorata infetaħ f'dan iż-żmien, u baqa' jikber tul is-snin tant li sar l-akbar cimiterju f'Malta.

Għall-ewwel il-poplu irreżista ċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Fil-fatt, kellhom jgħaddu madwar tliet snin qabel ma' xi ħadd indifen f'dan iċ-ċimiterju: mara abbandunata li mietet fl-isptar tal-Furjana.

Pjanta ta' kappella qabar fiċ-Cimiterju tal-Addolorata, 20-07-1872, Valletta (Malta)

2 folio, manuskritt fuq il-karta; 37,3 x 55 ċm

L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta

Referenza: NAM/PDM/61691

# 04

# Il-Wirt tal-Illuminiżmu

L-Illuminiżmu kien moviment intellettwali, filosofiku, kulturali u soċjali li beda fis-Seklu Sbatax. Dan il-moviment huwa magħruf ukoll bħala l-Era tar-Raġuni, u l-ideat radikali tiegħu kellhom impatt mill-qiegħ fuq l-Ewropa u d-dinja kollha. Fl-isfera tal-politika, dan il-moviment laħaq il-milja tiegħu fir-Rivoluzzjoni Franċiża fit-tmiem is-Seklu Tmintax, imma l-effetti intellettwali tiegħu għadhom jinħassu sa llum il-ġurnata.

Din l-Era tar-Raġuni inħolqot bir-riżultati li kellha r-Revoluzzjoni Xjentifika li bdiet madwar is-sena 1500. Il-ħidmiet tax-xjentisti u filosfi bħal Isaac Newton u John Locke idibattew il-bażi tal-ħsieb u l-ordni fis-Seklu Sbatax. Ix-xogħolijiet ta' Newton urew li d-dinja kienet immexijja aktar mil-liġijiet naturali milli mis-saħħa spiritwali, filwaqt li t-teorija tal-kuntratt soċjali ta' John Locke irrappreżentat is-soċjetà u l-istat bħala riżultat tar-rieda kollettiva tal-bniedem.

Figuri tal-Illuminiżmu tas-Seklu Tmintax bħal Voltaire u Denis Diderot fi Franza, u David Hume fl-Ingilterra, enfasizzaw il-kapacità ta' kull maħluq għall-ħsieb kritiku u razzjonali. Dan wassal biex il-popli bidlu l-fehma tagħhom kif iħarsu lejn il-gvernijiet u l-irwol taċ-ċittadin matul din l-Era tar-Raġuni.

John Locke argumenta li l-poplu għandu dritt li jibdel dak il-gvern li ma jagħtix garanzija ta' ħajja sikura, libertà u propjetà. Montesquieu kiteb fuq il-qsim tal-poter, billi argumenta li dan il-poter m'għandux ikun f'idejn persuna waħda biss. Jean-Jacques Rousseau għamel aċċenn li s-soċjetà għandha tkun immexxija mill-'fehma ġenerali' (popolari) tal-poplu.

L-Illuminiżmu idibatta wkoll is-sisien tradizzjonali tar-reliġjon u tal-awtorità tal-istat u s-soċjetà. Kif wieħed jista' jara fid-dokumenti ta' din il-wirja, dan kellu effett fuq il-ħsieb tar-rappreżentanti tal-Knisja u tar-renjanti ta' dan iż-żmien.

It-twemmin fil-fehma tal-bniedem, fil-libertà u fl-ugwaljanza kienu l-bażi tar-Rivoluzzjoni Franċiża u tal-Kostituzzjoni Amerikana. B'hekk l-Illuminiżmu bidel id-dinja tal-Punent f'dinja demokratika u ċiviltà konxja tagħha nnifisha, li ispira wkoll is-sistema politika tad-demokrazija liberali tal-Ewropa u kontinenti oħra. Id-dokumenti f'din il-wirja juru wkoll l-effetti indiretti b'din il-bidla, bħat-twelid ta' kostituzzjonijiet demokratiċi u movimenti femministi, imwaqqfa fuq idejat tal-ugwaljanza.

L-Illuminiżmu għolla l-ħsieb indipendenti, li kellu impatt qawwi fuq id-dixxiplini barra l-politika bħall-matematika, il-fiżika u l-mediċina. L-iżvilupp ta' dawn id-dixxiplini u l-bidla fil-ħsieb, indirettament, qajmu dawk ir-rivolużżjonijiet imsejħa Industrijali, li wasslu għall-era tal-invenzjonijiet u urbaniżmu. Filwaqt li l-idejat tal-Illuminiżmu ma nfiltrawx mill-ewwel fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa u kull klassi soċjali, finalment u gradwalment effettwaw kważi kull aspett tal-ħajja ta' kuljum. Dawn l-idejat ħolqu Ewropa ġdida u dinja ġdida jew għall-inqas kostruzzjoni alternattiva revolużżjonarja tad-dinja li kien diġa hemm. Din il-wirja tixtieq ukoll tesprimi u tiddokumenta dawn l-immaġini tal-Ewropa.



Ittra privata ta' István Werbőczi lil András Bátori, uffiċjal fil-Kontea ta' Szatmár, 26-02-1524, Petin (Ungeriż: Pettyén) (Rumanija)

1 folio, manuskritt fuq il-karta, siġillat; 21,3 x 22 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – DL 23894

# Ittra minn István Webőczi fuq il-Ġustizzja Ugwali

István Werbőczi (Verbőci) (1458–1541) kien statista, ġuridiku u diplomatiku, li l-kodifikazzjoni tiegħu tal-liġi Ungeriża serviet bħala t-test legali tas-saltna tal-Ungerija għal aktar minn erba' mitt sena.

L-ittra tiegħu li tinsab hawnhekk turi l-kunċett tal-ġustizzja u l-ugwaljanza fis-saltna tal-Ungerija tul is-Seklu Sittax.

Werbőczi kien ikkummissjonat mir-Re Vladislaus II biex jiġbor il-liġijiet kollha tar-renju Ungeriz. Dan ix-xogħol, it-Tripartitum (1514) ipproklama l-ugwaljanza sħiħa tan-nobbli kollha, kbar u żgħar, u għamel enfasi fuq id-dritt tal-aristokrazija a skapitu tas-sovranità. Matul is-saltna tas-suċċessur u iben Vladislaus, ir-Re Louis II, Werbőczi serva bħala diplomatiku f'numru ta' missjonijiet diplomatiċi biex joħloq allejanza kontra t-Torok. Kien elett milord fewdali fis-sena 1525 imma malajr kien sfurzat biex jirreżenja. Wara l-istraġi tal-Battalja ta' Mohács fl-1526, u wara li l-Imperu Ottoman ħaftaf taħt idejh parti kbira mis-saltna Ungeriża, Werbőczi żamm ma' dak li ppretenda d-dritt tas-suċċessjoni, János Szapolyai (aktar tard ir-Re Ġwanni I) kontra Federiku ta' Ħabsburgu. Huwa sar Prim Imħallef fl-1541, wara li Buda – iċ-ċentru amministrattiv u s-sede rjali tas-Saltna Ungeriża (illum parti minn Budapest, Ungerija) sfat okkupata permanentament mit-Torok.

Din l-ittra privata tiegħu, mis-sena 1524, kienet indirizzata lil András Bátori, li l-każ li kellu dwar xi proprjetà ma' János Szerecsen kellu jinqata' billi jtellgħu il-polza, skont id-deċiżjoni li kien ħa Werbőczi. Bátori ma ħax gost u kiteb ittra ta' ilment lil Werbőczi. Dan wieġbu u billi qallu li kien mistenni li jipprovdi ġustizzja lil kulħadd indaqs, kien min kien, anke jekk kien Lhudi jew Żingaru, basta li huwa suġġett għall-Kuruna Qaddisa tas-saltna.



Dokument Legali dwar ilsiera Afrikani mixtrija mill-Amerika, l-Afrika, u l-Asja, 19-09-1761 / 01-10-1761, Liżbona (Portugall)

4 folio, manuskritt fuq il-karta; 34 x 22 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall - Torre do Tombo

Referenza: PT/TT/LO/003/0006/00040B Liġijiet u Ordinanzi, mç. 6, n.º 40-B

# Dokument Legali dwar l-Ilsiera Afrikani

Dan id-dokument mis-sena 1761 tar-Re Ġużeppi I tal-Portugall (1714-1777) jikkonċerna l-ilsiera Afrikani li kienu qed jaslu fil-Portugall.

Ifakkar traġedja fl-istorja tal-Ewropa u tad-dinja, meta l-iskjavitù u l-kolonjaliżmu kienu fl-aqwa tagħhom. Dan id-dokument jiddikjara li, minn dak iż-żmien stess, ilsiera Afrikani (suwed jew ta' ġilda skura) li jinġiebu fil-Portugall mill-Amerka, l-Afrika u l-Asja, għandhom jiġu meqjusa ħielsa hekk kif jaslu fil-portijiet tas-saltna.

L-iskjavitù, bl-istorja twila tagħha, kienet kważi spiċċat fl-Ewropa tal-Medju Evu. Imma reġgħet bdiet tqajjem rasha fis-Seklu Ħmistax; bħala eżempju wieħed jara meta il-Prinċep Portugiż Neriku (1394-1460) beda jżomm lill-Berberi bħala ilsiera fis-sena 1442.

Dan ħabat mal-firxa tal-kolonjaliżmu mad-dinja kollha, perijodu magħruf ukoll bħala "Iż-Żmien tal-Iskoperti."

Huwa stmat li l-kummerċ tal-iskjavi fl-Atlantiku kaxkar bejn għaxar u tnax-il miljun ilsir Afrikan lejn id-Dinja l-Ġdida, magħrufa wkoll bħala l-Amerki. Numru kbir ta' skjavi Afrikani kienu wkoll sfurzati biex jgħixu u jaħdmu f'pajjiżi Ewropej li kellhom il kolonji. Eżempju ta' dan hija s-sena 1552, meta l-ilsiera Afrikani jiffurmaw għaxra fil-mija tal-popolazzjoni ta' Liżbona, il-kapitali tal-Portugal.

Il-Moviment biex jabolixxi l-iskjavitù ħadem biex iwaqqaf darba għal dejjem dan il-jasar. Il-frott ta' dan il-Moviment huwa l-bażi tad-drittijiet universali tal-bniedem. Il-potenzi Ewropej eliminaw jew illimitaw l-iskjavitù f'pajjiżhom, qabel ma ħadu passi biex iwaqqfu l-jasar mid-dinja kollha.

Dan id-dokument jixhed pass importanti f'dan il-proċess.




Iċ-ċertifikat Massoniku tal-Kavallier de Lincel, 13-02-1766, Toulon (Franza), (Sena Massonika 5766)

1 folio, manuskritt fuq parċmina dekorata; 34 x 57 ċm

Arkivji tal-Kattidral (Malta)

Referenza: AIM Processi Criminali 164. ff. 366v-367r

# Ċertifikat Massoniku tal-Kavallier de Lincel

Id-dokument ħareġ minn Loġġa Massonika, il-Loġġa ta' San Ġwann tas-Segretezza u l-Armonija f'Malta matul is-sena 1766.

Kien ikkonfiskat mill-Inkwiżizzjoni. Il-parċmina fiha emblemi u simboli tipiċi tal-loġoġ masuni ta' żmien is-Seklu Tmintax. Il-Loġoġ, organiżżażżjonijiet fraterni, kienu l-element bażiku fl-organiżazzjoni tal-Mażunerija. Dawn il-gruppi jmorru lura għall-fraternitajiet lokali tal-bennejja, li huma stess imorru lura għall-aħħar tas-Seklu Erbatax. In-natura sigrieta tal-Mażunerija ġibdet is-suspett u teoriji ta' konfoffi matul is-sekli.

Jidher li l-ewwel preżenza tal-Mażunerija f'Malta tmur lura għal madwar is-sena 1730 meta xi membri tal-Ordni ta' San Ġwann bdew jieħdu interess fl-attivitajiet marbuta mal-Mażunerija. Din xterrdet bil-bosta fost il-Kavallieri kif ukoll fost personalitajiet Maltin prominenti. Il-Kavallieri bdew il-mixja tagħhom fil-Mażunerija jew fil-pajjiżi minn fejn kienu ġejjin, jew fil-Loġoġ li kien hawn Malta. Bil-vjaġġi lejn u mill-Kontinent, huma żviluppaw rabta kbira bejn il-Loġoġ Maltin u dawk fil-portijiet ewlenin Franċiżi fil-Mediterran, bħal Toulon u Marsilja, l-aktar bejn is-sena 1760 u s-sena 1780.

Il-Loġġa magħrufa bħala Parfait Harmonie (Armonija Perfetta) twaqqfet Malta taħt il-Loġġa l-Kbira ta' Franza (aktar tard magħrufa bħala Gran Orient ta' Franza) bis-saħħa ta' permess li ħareġ fit-13 ta' Frar 1766 minn Renè-Augustin Beufvrier de la Loueie, uffiċjal fil-flotta Franċiża. Beufvrier stabbilixxa numru ta' Loġoġ Navali u Militari bl-isem ta' "Parfait Harmonie." F'dan il-permess, il-Kavallier de Lincel ingħata l-poter kollu biex iwaqqaf din il-Loġġa f'Malta.

Fl-1738, il-Knisja Kattolika immexxija minn Papa Klement XII (Papa bejn is-snin 1730 u 1740) ipprojbixxiet lill-Kattoliċi milli jkunu parti minn dawn il-loġoġ tal-mażunierija. Papa Benedittu XIV, li kien Papa bejn 1740 u 1758, ħareġ Bulla kontra l-Mażunerija fis-sena 1752. Din il-Bulla kienet stampata Malta fl-1786 u għamlet aċċenn fuq il-kobor ta' dawn is-soċjetajiet klandestini u pprojbiti fil-gżira.

It-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni f'Malta ħadem fuq aktar minn għoxrin każ tal-Mażunerija fit-tieni nofs tas-Seklu Tmintax. Fost dawk li kienu akkużati matul is-snin 1760 kien hemm Ġużeppi Zahra, għalliem tal-matematika, u John Dodsworth, il-Konslu Ingliż f'Malta. Il-kompożitur Malti Nicolò Isouard ukoll kien akkużat fis-sena 1794.



MARIA THERESIA DEI Gratia Romanorum Imperatrix Vidua; Hungariæ, Bohemiæ, Dalmatiæ, Croatiæ, et Sclavoniæ, Regina Apostolica; Archi Dux Austriæ &c.

Serenissime Dux, Consanguinee Nobis charissime, Reverendissime, Reverendi, Spectabiles, ac Magnifici, nec non Magnifici, & Egregii, Fideles Nobis dilecti! Quandoquidem clementer resolvissemus, & constituissemus: ut Torturalia Examina ab Exemplo in pluribus Statibus jam recepto citra aliquam reservationem in universis Hæreditariis Provinciis nostris sufferantur, & aboleantur.

Hinc suapte sequitur, quod in futurum Judex in Casibus Criminalibus Processum Inquisitorium attunc concludendum habeat, dum ille juxta modernam Normam, seu Praescriptum Indicia ad Torturam sufficientia adesse adinvenerit, ac alia ulteriora Media ad Condemnationem sufficientia non superfuerint: Nihilominus tamen in ejusmodi Inquisitorii Processus Conclusione per subsequam decisivam Sententiam utut quapiam Pœna extraordinaria dictari valebit, in cujus Commensuratione semper expendendum erit, an, & in quantum ejusmodi Indicia pro momentosis comperta fuerint, & qualiter illa ad plenam facti Actionalis probam vicinius, aut remotius accedant? praeferenter vero Inquisiti ob Indicia permanentia, quæ videlicet per Ipsosmet haud elisa, & diluta, aut vero ex officio Judicis inquirentis per Circumstantias aliunde collectas enervata non fuerint, semper extraordinarie plectendi, & pro eo, ac per similia Indicia gravati fuerint, etiam in pœna dictanda tractandi erunt.

In quonam autem ejusmodi Corporales pœnæ secundum disparitatem aggravantium, vel allevantium Circumstantiarum consistere possent? prout et qualiter juxta Regnorum Constitutiones, reflectendo etiam ad hoc, ut Detentio similium Hominum, quoad fieri potest, Statui publico minus onerosa evadat, circa Reorum Castigationem pro futuro aliquid determinari statui valeret, super eo consulendum, ac insuper illud quoque expendendum veniret: An non etiam Mortis Pœna successive, licet non ex integro, maxima tamen in parte sufferenda, et abolenda, ac non nisi ad atrocissima delicta restringenda esset? ea cum provisione: ut in Provinciis fine proportionata

# Il-Projbizzjoni tat-Tortura Promulgata mir-Reġina Maria Tereża

Dan id-dokument li jmur lura għas-sena 1776 jittratta it-tneħħija tat-tortura fl-Imperu Ħabsburgu. Huwa importanti għax juri ċar it-tibdil fil-ġurisdizzjoni fi żmien l-Illuminiżmu.

It-tortura kienet użata ħafna fis-snin bikrija tal-Imperu Ħabsburgu. Ta' min isemmi li fi żmien il-Medju Evu u fil-bidu tal-Era Moderna, il-qrati Ewropej kienu jippermettu t-tortura biex l-imputat jikxef u fl-istess ħin joħorġu l-ismijiet ta' min seta kien kompliċi, jew biex jinkiseb xi tagħrif ieħor. Waqt ix-xhieda, l-akkużat kien ikun mhedded bit-tortura jew kien ikun fil-fatt ittorturat b'għodod apposta. Il-Kodiċi Kriminali *(Constitutio criminalis Theresiana)* wkoll, li kien introdott fil-provinċji Ċeki-Awstrijaċi fil-31 ta' Diċembru 1768, kien jagħti lok għat-tortura.

Fis-sena 1776, bis-saħħa ta' sensiela ta' digrieti maħruġa mill-Imperatriċi, tneħħa l-użu tat-tortura waqt ix-xhieda. Digriet irjali ħareġ għall-provinċji Ċeki-Awstrijaċi, Banat ta' Temesvar (illum maqsuma bejn ir-Rumanija, is-Serbja u l-Ungerija) u l-Galiċja (illum maqsuma bejn il-Polonja u l-Ungerija) fit-2 ta' Jannar; is-Saltna tal-Ungerija imxiet fl-istess triq fis-6 ta' April tal-istess sena. Ir-riforma uriet il-ħsieb umanitarju tal-Illuminiżmu, hekk kif l-istat ipprova joħloq kundizzjonijiet aktar diċenti u tajba għas-suġġetti tiegħu.

Il-liġijiet tat-tortura tneħħew mill-Ewropa fi żminijiet diversi. Fl-Ingilterra dawn il-liġijiet waqfu madwar is-sena 1640 (ħlief għall "peine forte et dure" – tortura li fiha kienu jitpoġġew ġebel tqal u li dejjem jitqalu matul il-proċess fuq sider l-imputat – li imbagħad tneħħiet għal kollox fl-Ingilterra fis-sena 1772); il-Prussja waqqfet it-tortura fl-1740, id-Danimarka madwar is-sena 1770, ir-Russja fl-1774, l-Italja fl-1786 u Franza fl-1789. L-aħħar pajjiżi Ewropej li neħħew legalment it-tortura kienu l-Portugall (fl-1828) u d-distrett awtonomu ta' Glarus fl-Iżvizzera (fl-1851).

Maria Tereża (1717-1780), li bdiet din it-tneħħija fl-Imperu Ħabsburgu, kienet l-unika mexxejja mara u saltnet għal erbgħin sena (bejn l-1740 u l-1780) fl-Ungerija, il-Kroażja, il-Boemja. Kienet ukoll is-sovrana tal-Awstrija u l-Imperatriċi tal-Imperu Qaddis Ruman (bħala mart l-Imperatur Franġisku I). Matul is-saltna tagħha, hija daħħlet fl-Imperu numru ta' riformi ekonomiċi, edukattivi u kulturali. It-twaħħid tal-ġurisdizzjoni fil-pajjiżi li ffurmaw l-Imperu beda wkoll matul dan iż-żmien, meta bdew ikunu abbozzati kodiċijiet legali.

Abolizzjoni tat-tortura promulgata mir-Reġina Maria Tereża, 02-01-1776, Vjenna (Awstrija)

1 folio, manuskritt fuq karta tal-qoton, siġill Rjali; 23,5 x 36,5 ċm, dijametru tas-siġill: 7,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Referenza: HU-MNL-OL – O 10 – № 90



Joseph der Zweite von Gottes Gnaden erwählter Römischer Kaiser, zu allen Zeiten Mehrer des Reichs, König in Germanien Ungarn, und Böheim, Erzherzog zu Oesterreich, Herzog zu Burgund, und zu Lothringen etc.

Hochgebohrner, Hoch und Wohlgebohrne, Wohlgebohrne, Edle, liebe Getreue! Überzeuget einer Seits von der Schädlichkeit alles Gewissenszwanges, und anderer Seits von dem grossen Nutzen, der für die Religion und den Staat aus einer wahren christlichen Toleranz entspringe, haben Wir Uns bewogen gefunden, den Augsburgischen und Helvetischen Religions-Verwandten, dann nicht unirten Griechen ein ihrer Religion gemässes Privat Exercitium allenthalben zu gestatten, ohne Rücksicht, ob selbes jemals gebräuchlich oder eingeführet gewesen sey, oder nicht. Der katholischen Religion allein, soll der Vorzug des öffentlichen Religions-Exercitii verbleiben, den beyden protestantischen Religionen aber, so wie der schon bestehenden nicht unirten griechischen aller Orten, wo es nach der hierunten bemerkten Anzahl der Menschen und nach den Facultäten der Inwohner thunlich fällt, und sie Acatolici nicht bereits im Besitz des öffentlichen Religions-Exercitii stehen, das Privat Exercitium auszuüben erlaubt seyn. Insbesondere aber bewilligen Wir

Erstens den akatholischen Unterthanen, wo hundert Familien existiren, wenn sie auch nicht in dem Orte des Bethhauses, oder Seelsorgers, sondern ein Theil derselben auch einige Stunden entfernet wohnen, ein eigenes Bethhaus nebst einer Schule erbauen zu dürfen; die weiter entfern-

ARCHIV MINIST. VNITRA V PRAZE

# Id-Digriet ta' Tolleranza tal-Imperatur Gużeppi II

Id-Digriet ta' Tolleranza inħareġ mill-Imperatur Ġużeppi t-Tieni fil-Monarkija ta' Ħabsburgu fit-13 ta' Ottubru 1781. Dan id-Digriet, li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru, iggarantixxa l-libertà reliġjuża lil tliet knejjes nsara li ma kienux Kattoliċi.

Ġużeppi t-Tieni (1741-1790) kien l-Imperatur Ruman Qaddis bejn l-1765 u l-1790 u saltan flimkien ma' ommu fuq l-artijiet Awstrijaċi sal-1780. Kien it-tifel il-kbir tal-Imperatriċi Maria Tereża mid-Dar ta' Ħabsburgu u l-Imperatur Frans l-Ewwel ta' Lorraine. Bħala mexxej tal-artijiet tal-Ħabsburgi, kien jippromwovi l-assolutiżmu illuminat u bħal ommu, għamel tibdiliet sinifikanti fl-Imperu.

Huwa addotta politika ta' titjib ġenerali, naqqas in-numru ta' Ordnijiet Reliġjużi u l-artijiet tagħhom, ta libertà reliġjuża limitata u kabbar il-firxa tal-edukazzjoni. Huwa neħħa s-servitù u l-piena kapitali. Ftit mill-ħwejjeġ ġodda li daħħal u l-politika tiegħu ma kienux aċċettati minn dawk ta' żmienu u tħassru minnu stess jew ftit wara mewtu bikrija.

B'dan id-Digriet ta' Tolleranza, Ġużeppi ta l-ħelsien tar-reliġjon lil Luterani, il-Kalvinisti u l-Knisja Ortodossa. Huma setgħu jiċċelebraw "ċelebrazzjonijiet privati reliġjużi." Setgħu jibnu djar għat-talb li imbagħad iservu bħala knejjes, imma ma kellhomx ikunu mibnija forma ta' knejjes; per eżempju, il-knejjes tagħhom ma setgħux ikollhom kampnari jew qniepen jew xi entratura fuq toroq ewlenin. Żwiġijiet imħallta setgħu isiru, imma jekk il-missier kien Kattoliku, it-tfal kollha kellhom ikunu mrobbija bħala Kattoliċi; jekk il-missier ma kienx Kattoliku, is-subien biss setgħu ma jkunux Kattoliċi.

Għalkemm dan id-digriet ma tax libertà reliġjuża sħiħa, dan pass sinifikanti f'dik id-direzzjoni. Passi oħra segwew dan id-digriet bħall-Editt tat-Tolleranza mis-sena 1782, fejn Gużeppi t-Tieni estenda l-liberta' reliġjuża għal Lhud ukoll.

Dan id-dokument huwa eżempju ċar ta' kif l-Illuminiżmu fforma l-kultura tagħna.

Digriet tat-Tolleranza maħruġ mill-Imperatur Ġużeppi II, 13-10-1781, Vjenna (Awstrija)

4 faċċati, manuskritt fuq il-karta, 37,5 x 23,5 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka

Referenza: CZ NA ČG-DR box 365, 13. 10. 1781


Marzo 1792.
ancora una pari disapprovazione del Corpo dell'Ordine deve ripetersene unicamente la ragione dal non essergli stato permesso d'interloquirvi legalmente nel Sagro Consiglio. Certo è però, che generalm.e i Gran-Croci, e Cavalieri del Convento le hanno condannate espressam.te, maravigliandosi della irregolare condotta di Ministri del Governo.
Ma à dimostrare quali sono i veri sentimenti del Muscat verso la giurisdizione Eccl.ca non occorrono argomenti. Vi sono bastanti prove di fatto. Risultan queste da ben molte lettere di Monsig.r Vescovo, ed anche da ben molti de' miei fogli diretti all'Emo Sig.r Card.l Boncompagni, ed à Vra Emza; de quali, p non diffondermi soverchiamente, mi contento d'indicare le date nel compiegato foglio.
Aggiungansi à tutto questo le premure, e i tentativi già fatti, e che continuano tuttavia p interessare la Corte di Napoli à sostenere le pretensioni mosse contro la S. Sede.
Non vi è Persona in Malta, la qle non abbia piena cognizione delle indecenti espressioni usate dall'estensor della memoria. Sono à lui famigliari nel linguaggio = non è più il secolo della Chiese che sagre Congregazioni = voglio lasciar il Vescovo con il Pastorale, e la Mitra = ed altre simili, le qli non si è mai creduto di dover valutare. Si è anche tralasciato d'indagare se realmente il Muscat avesse proferita una proposizione vilissima, ed ingiuriosissima cro l'Augusta Persona di Nostro Signore, e la quale asserivasi da lui detta in presenza de' Consiglieri del Magistrato, allorchè trattavasi della controversia Fenech; e su questo articolo tanto maggior circospezione si è usata, quanto inevitabile sarebbe stata la rovina della Persona, che ne avea fatta la confidenza, se si fosse risaputa.
Son veri gli elogi, che si fecero del Muscat da Monsig.r Zondadari, e da me stesso alla Sagra Cong.ne, ed all'Emo Sig.r Seg.rio di Stato, quando nel principio del suo impiego mostravasi piuttosto moderato per gli affari Eccl.ci, e contrario alle massime del suo immediato antecessore Uditor Pot, che si era reso ben noto per la di lui avversione alla giurisdiz.ne Eccl.ca.
E' anche vero, che aveva una certa intelligenza col mio Uditore, 16

# Ittra ta' Monsinjur Gallarati Scotti lill-Kardinal De Zeleda

Din l-ittra turi kif l-ideat tal-Illuminiżmu dgħajfu s-saħħa tal-Knisja Kattolika.

Fis-sena 1785, Papa Piju VI ħatar lil Giovanni Filippo Gallarati (1747-1819) bħala Inkwiżitur għal Malta. Sakemm kien Malta bejn l-1785 u l-1793, Gallarati Scotti kien ta' spiss jitlewwem mal-Gran Mastru De Rohan minħabba l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni. L-ittra tiegħu tas-sena 1792 tagħti stampa ċara ħafna tat-taqlib fil-pożizzjoni tal-Knisja kattolika fil-bidu tal-Era Moderna.

L-ittra li ntbagħtet lill-Kardinal Francesco Saverio De Zeleda kienet fuq ċertu Giovanni Nicolò Muscat, l-Uditore jew l-Avukat Ġenerali tal-Gran Mastru De Rohan (1727–1795). Muscat kien ġej minn familja umli; kien avukat kapaċi u stinka biex l-aġenda tal-Gran Mastru titpoġġa fuq quddiem biex tisfida s-sistema tal-ġurnata fejn is-Sovrani kienu soġġetti għall-Papa.

Huwa kien jemmen bis-saħħa fil-ħsieb ta' Voltaire li d-despostiżmu Iluminat kien ta' ħtieġa biex tissaħħah il-qawwa tas-sovrani f'kull livell u biex tippromwovi il-ġid soċjali u l-istabbilità politika. Matul l-Illuminiżmu f'Malta, kif ukoll fiċ-ċentru tal-Ewropa, dawn il-ħsibijiet intgħoġbu ħafna mir-renjanti u l-Gran Mastri tlewmu ħafna mal-awtoritajiet tal-Knisja Kattolika; l-Isqfijiet u l-Inkwiżituri kellhom it-tribunali tagħhom, kellhom is-setgħa taċ-ċensura u kellhom l-edukazzjoni f'idejhom.

Skont l-Inkwiżitur Scotti, Giovanni Nicolò Muscat - li kien diġa akkużat ftit snin qabel fil-qorti tal-Inkwiżitur li kien membru tal-Mażunerija – esprima fil-pubbliku "espressjonijiet indiċenti" *("indecenti espressioni")*. Huwa kien akkużat li stqarr li żmien il-qawwa tal-Knisja kien għadda ("*non è più il secolo della Chiesa*") u li kien ser iħalli l-Isqof bil-baklu u l-mitra biss ("*voglio lasciar il vescovo con il pastorale e la mitra*"). B'hekk huwa kien qed jafferma u jsaħħah it-twemmin tiegħu li l-qawwa tas-Sovrani Illuminati kellha tieħu post dik tal-Knisja.

Ittra ta' Mgr Gallarti Scotti lill-Kardinal De Zeleda, 31-03-1792, Malta

1 folio, manuskritt fuq il-karta; 44,6 x 29,2 ċm

Arkivji tal-Kattidral (Malta)

Referenza: AIM Corr 102, ff 16



Kostituzzjoni tan-Norveġja 1814 – l-ewwel abbozz, 05-1814, Eidsvoll (Norveġja)

20 faċċata, manuskritt fuq il-karta; 22 x 31 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: EA-4029/Ga/L0009A/0009/0002

# Il-Kostituzzjoni Norveġiża tal-1814

Il-Kostituzzjoni Norveġiża kienet iffirmata ġewwa Eidsvoll fis-17 ta' Mejju 1814. Kienet waħda mill-aktar Kostituzzjonijiet radikali fl-Ewropa ta' dak iż-żmien, ispirata mill-idejat Illuministi bħall-ħelsien politiku u d-drittijiet universali tal-bniedem, u kienet ukoll qasmet l-idejoloġija revoluzzjonarja tal-kostituzzjoniji Franċiża u dik Amerikana.

Il-Kostituzzjoni tal-Amerika, li hija l-eqdem kostituzzjoni demokratika fid-dinja, inkitbet fl-1787, kienet ratifikata fl-1788 u daħlet fis-seħħ fl-1789; il-Kostituzzjoni Franċiża tal-1791 li ma tantx damet fis-seħħ inħolqot wara l-kollass tal-monarkija tar-Reġim l-Antik (Ancien Régime). Dawn il-Kostituzzjonijiet huma meqjusa bħala l-aktar dokumenti importanti għad-demokraziji fil-Punent. Fit-12 ta' April 1814, l-Assemblea Nazzjonali ta' Eidsvoll waqqfet Kumitat Kostituzzjonali, bil-mandat biex jipprepara abbozz ta' proposta għall-kostituzzjoni. Il-Kumitat spiċċa dan ix-xogħol fis-26 ta' April 1814.

Il-ħsieb wara din il-kostituzzjoni l-ġdida infatam għal kollox mill-prinċipji tal-monarkija assoluta, li kienet l-unika forma ta' gvern fin-Norveġja skont il-*Lex Regia* (l-Att tar-Re) tas-sena 1665. Il-kostituzzjoni l-ġdida, li kienet imsejsa fuq il-prinċipji tas-separazzjoni tal-poteri u s-sovranità, fetħet b'dawn is-sentenzi: *"Ir-Renju tan-Norveġja huwa wieħed ħieles, indipendenti u li ma jinqasamx. Il-gvern tiegħu huwa monarkija limitata u ereditarja."* Il-ġrajjiet tal-1814 għandhom post uniku fl-istorja tan-Norveġja. Il-kostituzzjoni l-ġdida kienet is-sisien ta' stat indipendenti, bl-istituzzjonijiet tiegħu, li kien meqjus demokratiku ħafna għal dak iż-żmien.

Dan id-dokumenti jirrifletti l-kunflitti u t-taqbida għall-poter fil-Kumitat Kostituzzjonali u l-Assemblea, inklużi d-diskussjonijiet li kellhom mill-ewwel abbozz sa meta kien finali. L-ewwel abbozz huwa miktub b'linka ċara u t-tibdiliet saru b'linka skura. L-Assemblea Nazzjonali kompliet tagħmel aktar tibdil qabel ma tlestiet din il-Kostituzzjoni.





L-aprovazzjoni tal-liġi dwar ir-riforma penali u tal-ħabs flimkien mal-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, 26-06-1867 / 01-07-1867, Liżbona (Portugall)

12 folio li jinkludu 3 rekords, manuskritt fuq il-karta; 40 x 25,5 x 0,4 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall - Torre do Tombo

Referenza: PT/TT/LO/003/31/64

# It-Tneħħija tal-Piena tal-Mewt fil-Portugall

Traskrizzjonji tal-liġi li approvat ir-riforma fil-ħabs u s-sistema penali bit-tneħħija tal-piena kapitali fil-Portugall. Id-dokumenti f'din il-wirja jinkludu d-Digriet Numru 141 tal-Qrati Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 1867, flimkien mat-test tar-riforma tal-pieni u l-ħabsijiet, u t-twaqqif tal-piena kapitali.

Id-Digriet tal-Liġi tat-Twaqqif tal-Piena Kapitali kien approvat fis-sena 1867 u huwa l-ewwel fost diversi sospensjonijiet permanenti tal-piena kapitali li kellhom isiru f'sistema legali nazzjonali. Il-Portugall kien minn tal-ewwel fl-Ewropa li abolixxa l-piena kapitali billi neħħiha minn kundanna għar-reati politiċi fis-sena 1852, reati oħra minbarra dawk militari fl-1867, u mill-atti kriminali kollha fl-1911. L-aħħar tgħalliq bil-forka minħabba qtil fil-Portugall kien sar fit-22 ta' April 1846 f'Lagos.

Internazzjonalment, din il-liġi kellha ħafna appoġġ, inkluż minn Victor-Marie Hugo (1802-1885), kittieb Romantiku Franċiż ewlieni. Hugo kieb lill-kittieb Portugiż Brito Aranha (1833-1914) biex jaqsam is-sodisfazzjon tiegħu għat-tneħħija tal-piena tal-mewt fil-Portugall, pass ewlieni fl-iżvilupp legali Ewropew.

Fl-ittra tiegħu Hugo kiteb *"Il-Portugall għadu kif waqqaf il-piena kapitali. Biex isir dan il-progress irid ikun hemm qabża kbira fiċ-ċiviliżżazzjoni. Minn issa 'l quddiem, il-Portugall huwa fuq quddiem nett ġewwa l-Ewropa. Intom, il-Portugiżi, ma waqaftux milli tkunu baħħara qalbiena. Kien hemm żmien meta kontu minn ta' quddiem fl-Oċean; illum, intom mexjin 'l quddiem fis-sewwa. Il-proklamazzjoni tal-prinċipji hija ħafna isbaħ mill-iskoperta ta' pajjiżi ġodda."*

Fis-Sekli Dsatax u Għoxrin, il-piena kapitali kienet abolita għal kollox f'San Marino (1865), fl-Olanda (1870), fin-Norveġja (1905), fl-Iżvezja (1921), fl-Islanda (1928) u fl-Iżvizzera (1942).

Il-ħafna traġedji li twettqu matul it-Tieni Gwerra Dinjija xprunaw u mbuttaw għal soċjetajiet aktar umani, u dan wassal biex ħafna demokraziji oħra fil-Punent tal-Ewropa jabolixxu l-piena kapitali hekk kif ġiet fi tmiemha l-gwerra. Id-Digriet Portugiż tal-Liġi tat-Twaqqif tal-Piena Kapitali imbotta l-valuri li ħarġu minn dawn it-tibdiliet, valuri li llum jinsabu fid-Digriet tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.




Id-dritt tal-vot lin-nisa Norveġiżi, 06-1902, Oslo (Norveġja)

1 ritratt iswed u abjad; 15 x 12 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja

Referenza: RA/PA-0379/U

# Id-Dritti tal-Vot lin-Nisa Norveġiżi

Dan ir-ritratt kien meħud waqt laqgħa li saret fis-sala taż-żfin l-antika tal-Università ta' Oslo bejn it-3 u s-7 ta' Ġunju 1902. Il-laqgħa kienet dwar id-drittijiet tal-vot għan-nisa Norveġiżi, dritt li kien ilu jintalab minn moviment tan-nisa sa mill-bidu tas-Seklu Għoxrin - il-Moviment Suffragette.

Is-Sinjura Fredrikke Marie Qvam tidher qed tindirizza l-laqgħa li għaliha kien hemm ħames mitt ruħ. Hija kienet il-mexxejja tan-Nisa Norveġiżi għas-Saħħa Pubblika, l-assoċjazzjoni li kienet qed torganizza l-laqgħa. Din l-Assoċjazzjoni twaqqfet fl-1884 biex tħares id-drittijiet tan-nisa u tirsisti għal soċjetà inklussiva bis-saħħa tal-volontarjat.

Fost dawk in-nies importanti wara din l-Assoċjazzjoni, hemm Gina Krog, l-avukat tal-vot u politiku xellugi, u Hagbart Berner, ir-rappreżentant parlamentari għall-partit liberali xellugi, li kien jappoġġja l-kawza tan-nisa fil-Parlament. Huwa kien il-moħħ wara l-att li ta lin-nisa id-dritt biex jattendu u jistudjaw l-Università. L-Assoċjazzjoni ħadmet ukoll għal kawżi oħra bħal titjib fl-edukazzjoni u l-finanzi tan-nisa, biex tħares in-nisa mill-vjolenza u biex ittejjeb l-influwenza politika tagħhom.

Meta d-drittijiet tal-vot fl-elezzjonijiet ġenerali kien ingħata fl-1913, huma ħadmu biex itejbu il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-kamp politiku u għal aktar ugwaljanza tas-sessi fl-iskejjel, fl-edukazzjoni u fil-kamp tax-xogħol.

In-Norveġja hija waħda mill-ewwel pajjiżi fid-dinja li introduċiet id-drittijiet tal-vot għan-nisa fl-elezzjonijiet ġenerali. New Zealand kienet l-ewwel, fl-1893. Il-Fillandja kienet l-uniku pajjiż fl-Ewropa li ta dan il-pass qabel in-Norveġja, fl-1906; id-Danimarka daħħlet dan id-dritt fl-1915, b'numru kbir ta' pajjiżi oħra jagħmlu l-istess wara li ntemmet l-Ewwel Gwerra.

In-Nazzjonijiet Uniti qablu mal-introduzzjoni tad-drittijiet tal-vot għan-nisa wara it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-Konvenzjoni fuq l-Eliminazzjoni ta' Kull Xorta ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (1979) jgħid li dan huwa dritt fundamentali li jinsab fil-189 pajjiż membru.

A Magyar Nemzeti Levéltár
Baranya Megyei Levéltára
tulajdona

III

# C O N T E N T S

PREFACE IV

I.COUDENHOVE AND THE PANEUROPEAN UNION 1

WHAT "PAN-EUROPE" MEANS? 1

WHO IS COUDENHOVE? 1

WHAT IS THE "PANEUROPEAN UNION"? 1

II.THE PROGRAMME OF THE PANEUROPEAN UNION. 3

A CONFEDERATIONQBUT NOT A FEDERAL STATE. 3

WHICH ARE THE THREE MOTIVS OF THE EUROPEAN UNION ? 5

1.The European war-menace 5

2.The Russian danger 6

3.The financial ruin 6

THE LIMITS OF PAN-EUROPE. 7

III.CRITICISME OF THE PANEUROPEAN MOVEMENT. 9

IMPORTANCE OF P.E. 9

PAN-EUROPE AND THE LEAGHE OF NATIONS. 10

PAN-EUROPE AND THE NATIONAL IDEA. 12

Pan-Europe and the State-Frontiers 13

Pan-Europe and the defense of the Minorities 15

Pan-Europe and the right of self-determination 16

The Presidents words 17

PAN-EUROPE AND THE ECONOMICAL PROBLEMS 19

IV.ENDCONCLUSION. 21

BIBLIOGRAPHY 23

# *Il-Moviment Pan-Ewropew*

Dan il-manuskritt jagħti ħarsa lejn l-Ewwel Kungress Pan-Ewropew li sar fi Vjenna fl-1926.

Inkiteb fl-istess sena bl-Ingliż mill-avukat Ungeriż Ferenc Faluhelyi u jagħti ħarsa profonda lejn l-ideat tal-Unjoni Pan-Ewropeja u l-azzjonijiet tal-fundatur ta' din l-Unjoni, Richard von Coudenhove-Kalergi. L-awtur janalizza b'mod kritiku il-Moviment Pan-Ewropew, u jirrifletti fuq ir-relazzjoni bejn il-Pan-Ewropa u l-Lega tan-Nazzjonijiet, filwaqt li huwa qabbel l-idejat Pan-Ewropej ma' dawk nazzjonali.

Ferenc Faluhelyi (1886–1944) kien avukat, professur universitarju privat tal-Liġi Internazzjonali u Dekan tal-Università ta' Erzsébet ġewwa Pécs bejn l-1922 u l-1944. Ix-xogħol tiegħu wassal għat-twaqqif tal-Istitut tal-Minoranzi fl-Università ta' Pécs fis-sena 1936, li, taħt it-tmexxija tiegħu, ħadem bis-sħiħ biex titjieb il-qagħda tal-gruppi tal-minoranzi li kienu qed jgħixu fl-Ungerija u l-minoranza Ungeriża li kienet tgħix fil-pajjiżi tal-madwar. L-istudju tiegħu tal-moviment Pan-Ewropew jinkludi wkoll il-perspettivi tagħhom.

It-twaqqif tal-Moviment Pan-Ewropew jista' jmur lura għad-dinja tas-snin Għoxrin fiċ-ċentru tal-Ewropa, fejn kien hemm diversi gruppi etniċi u li kienu jitkellmu b'diversi lingwi. Huwa maħsub li dan il-Moviment kien influwenzat mill-kunflitti storiċi li qamu fost dawn il-gruppi etniċi.

Richard von Coudenhove-Kalergi (1894–1972), li waqqaf il-Moviment Pan-Ewropew, kien politiku u filosofu, u ġej minn ambjent multi-kulturali. Missieru kien diplomatiku Austro-Ungeriż u Konti mill-Boemja, filwaqt li ommu kienet Ġappuniża, bint kummerċjant taż-żejt minn Tokjo, li kien ukoll antikwarju u sid ta' ħafna artijiet. Wara l-waqgħa tal-Monarkija Awstro-Ungeriża huwa sar ċittadin Ċekoslovakk fl-1919 u wara ġab iċ-ċittadinanza Franċiża fl-1939. Huwa ppubblika l-ewwel ktieb tiegħu fl-1923 bl-isem ta' *Pan-Europa*, li fih kien hemm formola biex wieħed isir membru ta' dan il-Moviment Pan-Ewropew. Il-moviment laqqa' l-ewwel Kungress tiegħu fl-1926 fi Vjenna. L-idejat li huwa imbotta huma eżempju ta' movimenti li ħabirku għall-Unjoni Ewropeja. Fil-fatt, Coudenhove huwa meqjus bħala l-pijunier tal-integrazzjoni Ewropea u bħala l-ewwel president fundatur tal-Unjoni Pan-Ewropea għal disa' u erbgħin sena.

Din l-organizzazzjoni kienet magħrufa ħafna fiċ-Ċentru u fil-Lvant tal-Ewropa minħabba l-irwol li kellha fl-organizzazzjoni tal-Pan-European Picnic, attività importanti matul il-ġlied fiċ-Ċentru u l-Lvant tal-Ewropa fl-1989. Il-ftuħ tal-fruntiera bejn l-Awstrija u l-Ungerija li kienet tifred id-dinja demokratika minn dik kommunista waqt dan il-Pan-European Picnic, beda katina ta' reazzjonijiet li wasslu biex iċ-Ċentru u l-Lvant tal-Ewropa isiru demokratiċi, flimkien mal-għaqda mill-ġdid b'mod politiku u simboliku tal-Ewropa.

*"X'Għandna Nistennew mill-Moviment Pan-Ewropew?"*, 18-03-1928, Pécs (Ungerija)

27 faċċata; 34 x 21 ċm

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija, Arkivju tal-Kontea ta' Baranya

Referenza: HU-MNL-BaML – XIV – 20/b – 38.4

# Ħajr Katalgi

Organiżżatur

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

Ko-ordinazzjoni

L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija u l-Arkivji Nazzjonali ta' Malta

Kollaborazzjoni

L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja; L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja; Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall; Ċentru Internazzjonali għar-Riċerka Arkivistika (ICARUS); Munster Technological University (MTU)

Storiku

György Majtényi PhD, Dr. Habil

Disinn

Munster Technological University (MTU)

Stampat

**Malta: Stamperija tal-Gvern**

Arkivji involuti

**Ungerija:** L-Arkivji tal-Kontea ta' Baranya fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivji tal-Kontea ta' Győr-Moson-Sopron ġewwa Sopron fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivji tal-Kontea ta' Heves fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija; L-Arkivji tal-Kontea ta' Vas fl-Arkivji Nazzjonali tal-Ungerija

**ICARUS:** L-Arkivji Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka u l-Arkivji Nazzjonali tal-Fillandja

**Malta:** L-Arkivju tal-Kattidral; Heritage Malta; L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta; Il-Librerija Nazzjonali ta' Malta; L-Arkivju Notarili ta' Malta

**Norveġja:** L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja; L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja – Arkivju Reġjonali tal-Istat ta' Bergen; L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja – Arkivju Reġjonali tal-Istat ta' Oslo; L-Arkivji Nazzjonali tan-Norveġja – Arkivju Reġjonali tal-Istat ta' Stavanger; Il-Mużew tal-Università tal-Arkitiku tan-Norveġja; Il-Mużew tal-Istorja Kulturali – Università ta' Oslo; Il-Librerija Nazzjonali

**Portugall:** Torre do Tombo – L-Arkivji Nazzjonali tal-Portugall

**Spanja:** L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju tal-Kuruna ta' Aragon; L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivji Storiċi tan-Nobbiltà; L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju Nazzjonali Storiku; L-Arkivji Nazzjonali ta' Spanja – Arkivju Ġenerali ta' Simancas

Tradutturi u kollaboraturi

**Awstrija:** Karl Heinz, Caroline Maximoff, Gabi Rudinger, Katja Staudigl (ICARUS)

**Ungerija:** Ágnes Nemes L.; Andrea Farkas; Anikó Lukács-Berkesi; Anikó Schmidt, PhD; Anita Dominkovitsné Szakács; Attila Bősz; Balázs Kántás, PhD; Dorottya Szabó; Dorottya Szlabey; Enikő Török, PhD; Erika Czikkelyné Nagy; Eszter Kovács; Éva Kocsis; Éva Künstlerné Virág; Ferenc Pál, PhD; Gábor Török; Gergő Paukovics; Ildikó Szerényi; Imre Gábor Nagy; Judit Borsy; Krisztina Kulcsár, PhD; Máté Varga; Melinda Kovács, PhD; Mihály Kurecskó; Miklós Melega, PhD; Miklósné Polán; Péter Dominkovits; Péter Kóta, PhD; Péter Samu; Szilvia Varga; Tamás Antal; Zoltán Szatucsek; Zsolt Bajzik; Zsuzsanna Lantos

**Irlanda:** Pat Fitzpatrick (qarrej tal-provi)

**Malta:** Francesco Pio Attard; Rita Vella Brincat; Leonard Callus; Ivan Ellul

**Norveġja:** Anette Alsvik; Kristine Bjørge; Ole Gausdal; Unni Løkkebø; Hugo Johansen; Yngve Nedrebø; Hanne Karin Sandvik; Tor Weidling; Synnøve Østebø; **Mużew ta' Oslo:** Vidar H. Skuseth; **Il-Libererija Nazzjonali:** Guro Tangvald

**Portugall: Direttorat Ġenerali għall-Kotba, Arkivji u Libreriji:** Silvestre Lacerda (Direttur Ġenerali); Anabela Ribeiro (Kap tal-Aċċessibiltà u Taqsima għall-Iżvilupp tal-Kontenut Diġitali); Carla Lobo; Luis Sá; Rui Pires;Teresa Araújo; Rosa Azevedo (Kap tat-Taqsima għall-Kura Teknika u Akkwisti); Ana Lopes; Fátima O'Ramos; Fernando Costa; Filomena Carvalho; Isabel Abecassis; Joana Braga; Paulo Leme;Teresa Tremoceiro; Paulo Tremoceiro (Kap tal-Komunikazzjoni u Aċċess); Adelaide Proença; Odete Martins; José Furtado (Kap tat-Taqsima tal-Informatika, Statistika u Kwalità); Ana Madeira, António Garção; Maria dos Remédios Amaral; Maria Trindade Serralheiro; Sónia Jacques

**Spanja: Sottodirettorat Ġenerali tal-Arkivji Nazzjonali Spanjoli:** Hernández Vicente, Severiano (Sottodirettur Ġenerali); Díaz Martínez, Cristina (Direttur tar-Relazzjonijiet Internazzjonali); Bermejo Alonso, Miguel Ángel; Lerma Rueda, Antonio; Mateos Salamanca, Carmen; Muriel Hernández, Santiago; Pedraza Muñoz, Montserrat u Villanueva Toledo, Josefa. **Arkivju tal-Kuruna ta' Aragon;** López Rodríguez, Carlos (Direttur); Canellas Anoz, Beatriz; Rodríguez Olivares, María Luz u Torra Pérez, Alberto. **Arkivji Storiċi tan-Nobbiltà:** Lafuente Urien, Aránzazu (Direttur); Serrano Rodríguez, Eugenio. **Arkivju Storiku Nazzjonali:** Romero Fernandez-Pacheco, Juan Ramón (Direttur); Adrados Villar, Esperanza; Alfonso Alonso-Muñoyerro, Belén; Clares Molero, José Luis; García del Real Marco, Berta u López Cuadrado, Ana María. **Arkivju Ġenerali ta' Simancas:** Rodríguez de Diego, Julia (Direttur); Burrieza Mateos, José María; Pérez Melero, Joaquín u Sánchez Marchán, Agustín. Traducciones TRIDIOM S.L.

Kofinanzjat mill-Programm
tal-Unjoni Ewropea
Ewropa Kreattiva

digital Treasures

Issieħeb magħna fl-iskoperta tat-teżori fl-arkivji Ewropej

**www.digitaltreasures.eu**

digital
Treasures

L-ARKIVJI
NAZZJONALI
MALTA

digital
Treasures

Kofinanzjat mill-Programm
tal-Unjoni Ewropea
Ewropa Kreattiva